**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 3 ta' April 2025

Każ Numru: 473/2015

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Saviour Baldacchino)

**Vs**

**Vincent Farrugia**

**Paul Abela**

**Philip Fenech**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Vincent Farrugia** ta' 70 sena, bin Anthony u Antonia nee' Grima, imwieled ir-Rabat fl-24 ta' Settembru 1944 u residenti The Spanish House, Il-Wardija, limiti ta' San Pawl il-Baħar, u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 847544M, **Paul Abela** ta' 64 sena, bin Carmel u Frances nee' Zerafa imwieled Qormi fil-31 ta' Diċembru 1950, residenti Capricorn, Triq l-Awrikarja Swieqi u detentur tal-karta tal-identità 94851M, u **Philip Fenech** ta' 59 sena, bin Joseph u Maria Rosaria nee' Cavarra, imwieled Sliema fit-12 ta' Mejju 1955, residenti 100, Triq Sir Adrian Dingli, Sliema u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 353455M ġew akkużati talli bejn il-11 ta' Marzu 2010 u s-26 ta' Lulju 2010 f'dawn il-Gżejjer, b-diversi atti magħmulin minnkom, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. ikkorrompejtu u / jew attentajtu tikkorrompu xhud, perit jew xi interpretu, sabiex jagħti xhieda falza, jew jagħmel perizja falza, jew jagħti tifsir falz, fi proċeduri kriminali;

Lil **Vincent Farrugia** u **Paul Abela** waħedhom talli nhar l-24 ta' Marzu 2010 ġewwa l-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq Repubblika, Valletta:

2. tajtu xhieda falza fi proċeduri kriminali dwar delitt suġġett għall-piena akbar mill-piena ta' priġunerija għal żmien sentejn, sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkużata.

Il-Qorti ġiet mitluba titratta ma Paul Abela bħala reċidiv ta' sentenza li saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula u dan ai termini tal-artikolu 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Filwaqt li l-Pulizija Eżekuttiva eżebit estratt mill-att tat-twelid ta' Vincent Farrugia, Paul Abela u Philip Fenech kif ukoll il-fedina penali tagħhom talbet li dan il-każ jiġi nvestigat skond il-liġi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-5 ta' Ġunju 2015 li permezz tagħha ta il-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat illi waqt is-seduta tat-12 ta Ottubru 2015 l-Uffiċjal Prosekutur qara u kkonferma bil-ġurament tiegħu l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati, u sar l-eżami tagħhom fejn huma wieġbu mhux ħatja għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom u taw ukoll il-kunsens sabiex il-kawża titmexxa bi proċedura sommarja.

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2016, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara illi ma għandux aktar provi xi jressaq.

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2019, id-difiża ddikjarat li m'għandiex aktar provi xi tressaq.

Rat in-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija tal-14 ta' April 2021 li biha esebixxa ċ-ċertifikat ta' mewt tal-imputat Vincent Farrugia.

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri datat 9 ta' Marzu 2023 permezz ta' liema din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta.

Rat illi waqt is-seduta tal-10 ta' Lulju 2023 il-Prosekuzzjoni u l-parte ċivile eżentaw lil-Qorti mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi ġa prodotti, filwaqt li d-difiża tat l-eżenzjoni tagħha waqt is-seduta tat-28 ta' Lulju 2023.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet orali final tal-parte ċivile tat-3 ta' Ġunju 2019.

Rat li waqt l-istess seduta tat-3 ta' Ġunju 2019 l-Uffiċjal Prosekutur irrimettiet ruħha għall-atti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiża tat-13 ta' Jannar 2020.

Rat illi waqt is-seduta tas-17 ta' Frar 2020 il-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx sottomissjonijiet ulterjuri x' jagħmlu.

Rat ix-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esibiti inkluż dawk tal-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Sandro Chetcuti, u dawk tal-isfida ta' Sandro Chetcuti kontra l-Kummissarju tal-Pulizija.

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

***i.*** **L-iter li jwassal għal proċeduri odjerni**

Din il-kawża issegwi u għandha fir-retroxena tagħha, kif ukoll jammetti l-abbli avukat tal-parte ċivile fit-trattazzjoni tiegħu, sfont ta' animożita bejn il-partijiet li nħolqot minn tal-anqas bejn l-imputat Vincent Farrugia li kien jokkupa l-kariga ta' direttur generali tal-entità preċedentement imsejħa il-General Retailers and Traders Union (GRTU), u possibilment il-fazzjoni tal-GRTU li kienet tappoġġah, u l-kwerelant Sandro Chetcuti li kien jokkupa l-kariga ta' viċi president tal-fazzjoni tal-iżviluppaturi. Kien hemm intriċċi politiċi li komplew ikkumplikaw ir-relazzjoni ta' bejn il-persuni nvoluti. L-imsemmija animożita tkebbset fuq numru ta' nċidenti żgħar u kkulminat fl-inċident tal-11 ta' Marzu 2010, ossia l-aggressjoni fiżika minn Sandro Chetcuti fuq Vincent Farrugia, kif deċiża minn din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Maġistrat illum Imħallef Dr Edwina Grima fil-kawża Il-Pulizija vs Sandro Chetcuti fit-18 ta' Settembru

2013. Għalkemm kien ġie ntavolat appell mill-imputat Sandro Chetcuti min din is-sentenza, dan kien ġie ċedut ftit jiem wara. Din il-Qorti m'għandiex għalfejn telabora ulterjorment fuq dawn l-intriċċi peress li din il-Qorti kif diversament presjeduta, li kellha l-opportunita tisma x-xhieda kollha *viva voċe,* u teżaminha bir-reqqa, diġà esprimiet ruħha dwar l-imsemmija ntriċċi.

Jingħad biss li l-affarijiet ma waqfux ma l-imsemmi nċident, u dana peress li l-ostilità bejn l-imsemmija persuni kompliet tikber konsegwenza kemm tal-imsemmi nċident, u mhux inqas tal-proċeduri li rriżultaw sussegwentement. Fi kliem din il-Qorti diversament preseduta tat-18 ta' Settembru 2013, ċitata hawn fuq jingħad:

*"il-parti leża ipprova juża l-pożizzjoni influwenti tiegħu biex l-imputat isir ġudizzju miegħu qabel ma tagħmel dak il-ġudizzju fuqu il-qorti u dana kif trid il-Liġi. Dana huwa rifless fir-rapport imħejji mill-espert Dr. Martin Bajada li kellu l-inkarigu li jindika dawk it-telefonati u SMS's li saru mill-imputat u mill-parti leża fil-perjodu kemm qabel dana l-inċident kif ukoll eżattament wara. Minn qari ta' dana r-rapport, li ma hu xejn ħlief kompendju tal-kontenut ta' telefonati magħmula u messaġġi li ntbagħtu u ġew riċevuti, wieħed jieħu stampa ta' dak li kien qiegħed isir "minn wara dahar il-Qorti" u qabel ma l-imputat kien beda għaddej bil-proċeduri kriminali kontra tiegħu fuq dana l-inċident. Jidher li l-parti leża kien qiegħed jagħmel l-isforzi tiegħu biex isir dak li hu msejjaħ komunement a trial by the media billi ikkuntattja diversi ġurnalisti u reporters u saħansitra jivvettja l-artikoli kien ser jiġu ppubblikati u l-kummenti li kienu ser jidhru fil-press. Mhux biss iżda jidher li l-parti leża li ried akkost ta' kollox jpattiha lill-imputat għal dak li kien għamel, anke pprova juża l-influwenza tiegħu fuq nies ta' awtorità li setgħu "jgħinuh" fil-kawża, fosthom saħansitra il-kummissarju tal-pulizija u anke d-direttur tal-ħabs u dana fil-perjodu li l-imputat kien qiegħed inkarċerat taħt arrest* preventiv."

Dik il-Qorti tkompli billi tgħid *"illi minn dawn il-messaġġi* ***__jidher__*** **[enfasi ta' din il-Qorti]** *ukoll li l-****__imputat__*** **[enfasi ta' din il-Qorti sabiex jiġi ċċarat dak li jsegwi mir-raġunament ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta li hawnhekk l-Qorti aktarx riedet tirreferi għal-parti leża Vincent Farrugia]** *kien qiegħed jipprova jimmanipula lix-xhieda sabiex jixhdu kif xtaq hu u dana sabiex jiżgura illi l-imputat jikseb kundanna mill-qorti għal dak li kien għamel".* Din il-Qorti, filwaqt li tagħmel referenza għal enfasi tagħha, ossia tal-kelma użata mill-Qorti diversament preseduta – **__jidher__** – tieħu l-ispunt biex tirrileva li huwa proprju l-kompitu tagħha li tara jekk u kif saret il-manipulazzjoni imsemmija. Dan huwa l-aġir inkwadrat fl-akkużi kontra l-imputati odjerni Paul Abela u Philip Farrugia. Dwar l-akkużi kontra l-imputat Vincent Farrugia, l-Qorti mhix sejra tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom stante li dan miet fil-mori ta'

dawn il-proċeduri, u għaldaqstant il-proċediment kriminali fil-konfront tiegħu ġie eżawrit.

Din il-Qorti tieħu l-opportunita qabel tissokta bl-analiżi tagħha dwar l-imputazzjonijiet li għandha quddiema, li dawn l-imputazzjonijiet huma serji għaliex il-Qrati qiegħdin hemm biex jagħmlu ġustizzja, u biex tagħmel dan trid tistrieħ fuq il-provi prodotti. Fost dawn il-provi, hemm ix-xhieda, u il-Qorti tistenna li xhud li jiġi quddiemha jixhed is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn ħlief is-sewwa. Ovvjament il-Qrati tagħna għanhom ħafna esperjenza sabiex janalizzaw ix-xhieda li tingħata quddiemhom. Barra minn hekk l-abbli avukati li mingħajrhom il-proċess ġudizzjarju ma jimxix, għandhom l-għodda sabiex jikkontrollaw ix-xhieda li jixhdu quddiem il-Qrati. Pero l-Qorti, kif sikwit esprimew il-Qrati tagħna, m'għandhomx il-poter li jaqraw l-imħuħ. L-imputazzjonijiet li għandha quddiema llum, terġa ssostni din il-Qorti, huma ta' natura serja, għaliex proċeduri dwar imputazzjonijiet bħal dawn, jeżistu sabiex tiġi assigurata l-ġustizzja. L-Qorti tagħmilha ċara li għalkemm fl-isfond għandha storja ta' animożita bejn il-partijiet, dawn il-proċeduri huma dritt ta' dawk li jħossuhom inġurjati b'xhieda li skont huma ma jkolliex mis-sewwa, u din il-Qorti sejra tittratthom bl-iprem attenzjoni.

Il-Qorti tirrileva li ħadet konjizzjoni tal-atti u tas-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Maġistrat illum Imħallef Dr Edwina Grima fil-kawża Il-Pulizija vs Sandro Chetcuti fit-18 ta' Settembru 2013. Dawn l-atti, u x-xhieda mogħtija hemmhekk huma propju dak li din il-Qorti trid tanalizza sabiex tasal għal konklużjoni tagħha jekk kienx hemm l-allegat korruzzjoni ta' xhieda jew xhieda falza.

Ħadet konjizzjoni ukoll tal-atti u tas-sentenza dwar l-isfida kontra l-Kummissarju tal-Pulizija minn Sandro Chetcuti deċiża mil-Maġistrat illum Imħallef Dr Aaron Bugeja fis-17 ta' April 2015. Tirrileva li din il-Qorti diversament preseduta diġà għamlet eżerċizzju fil-mertu dwar il-provi li dak iż-żmien kienu fil-pussess tal-Pulizija Eżekuttiva, u li jifformaw parti minn dawn il-proċeduri. Il-Qorti sejra tagħmel xi osservazzjonijiet dwar dan.

Tibda billi tgħid li din il-Qorti f'dan l-istadju għandha provi ulterjuri li trid tanalizza sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha. Tqis ukoll li f'dawn il-proċeduri din il-Qorti trid tqis il-provi kollha, mhux fuq bażi ta' *prima faciae* kif għamlet il-Qorti fl-isfida kontra **l-Kummissarju tal-Pulizija minn Sandro Chetcuti** deċiża mil-Maġistrat illum Imħallef Dr Aaron Bugeja fis-17 ta' April 2015, iżda fil-fond u fl-intjier tagħhom sabiex

tasal għal konklużjoni tagħha dwar il-ħtija *o meno* kontra l-imputati Paul Abela u Philip Fenech. Din il-Qorti qieset ukoll li l-konsiderazzjonijiet, u deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta per Maġistrat illum Imħallef Dr Aaron Bugeja kienet fil-konfront ta' imputat wieħed, ossia l-imputat Vince Farrugia, u li dwaru kif ingħad hawn fuq il-Qorti se tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet kontra tiegħu minħabba il-mewt tiegħu. L-imsemmija deċiżjoni tirrigwarda kompitu kemmxejn differenti minn dak li għandha din il-Qorti, u dan minħabba l-fatt li il-kompitu ta' dik il-Qorti kien sabiex tiddetermina jekk jirriżultawx l-estremi sal-grad tal-*prima faciae* sabiex il-Pulizija Eżekuttiva tmexxi l-azzjoni penali kontra il-persuna imsemmija fid-denunzja ta' Sandro Chetcuti, ossia l-imputat Vince Farrugia. Minbarra dak li jingħad hawn fuq, din il-Qorti tqis li għalkemm dik il-Qorti għamlet apprezzament tal-provi li jinsabu ukoll fl-atti tal-kawża odjerna, hija la kellha is-setgħa, u lanqas il-kompitu li tiddetermina il-ħtija *o meno* tal-imputati. Fi kliem dik il-Qorti stess, il-kompitu tagħha kien *"li tiddetermina jekk fuq bażi prima faciae - bit-tifsira tat-terminu kif toħroġ mill-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati aktar il-fuq riportata, hemmx lok li n-notizia criminis tiġi tradotta fil-konsegwenzi azzjoni penali kontra Farrugia skont kif mitlub mir-rikorrent Chetcuti."*

Stabbiliti dawn il-fatti, din il-Qorti sejra tipprosegwi bl-eżerċizzju tagħha kif imsemmi hawn fuq sabiex tanalizza dawk il-provi kollha miġjuba quddiemha u tiddetermina jekk dawn iwasslux għall-konvinċiment ta' din il-Qorti sal-grad rikjest mil-Liġi fil-kamp kriminali għal sejbien ta' ħtija.

## *ii.* Il-Provi

### L-eċċezzjoni tal-inammissibilta tal-provi

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati, il-Prosekuzzjoni allegat l-atti tal-kawża il-Pulizija vs Sandro Chetcuti deċiża fit-18 ta' Settembru 2013, li minnha kien ġie nterpost Appell li ġie ċedut fid-9 ta' Ottubru 2013, kif ukoll l-atti tal-isfida fl-ismijiet Sandro Chetcuti vs Kummissarju tal-Pulizija deċiża fis-17 ta' April 2015.

Illi l-abbli avukat tad-difiża iqajjem l-eċċezzjoni dwar l-inammissibilta tal-kontenut tax-xhieda li tifforma parti mill-atti proċesswali tal-kawżi allegati ma din il-kawża u dana skont ir-regoli tal-evidenza kif stipulati fl-artikolu 646 tal-Kapitolu 9. Isostni li l-proċessi allegati ma' dawn il-proċeduri, jagħmlu prova biss tal-fatt li tali proċeduri seħħew u li ċerta xhieda ddeponew f'dawk il-proċeduri. L-avukat difensur jagħmel referenza speċifikament (i) għax-xhieda mogħtija mill-esponenti f'dawk il-proċeduri in kwantu jikkostitwixxu dikjarazzjoni preċedenti magħmula minn imputati; (ii) għax-xhieda li għaliha tkun saret referenza speċifika li x-xhieda f'dan il-każ [Il-Pulizija v Vincent Farrugia et.] waqt it-testimonjanza tagħhom; u (iii) dokumenti li għalihom tkun saret referenza speċifika li x-xhieda f'dan il-każ [Il-Pulizija v Vincent Farrugia et.] bħal ma huma, pereżempju, ir-rapporti ta' Dr Malcolm Crockford u ta' Dr Mario Scerri, u jgħid li dawn m'humiex provi ammissibbli.

**Ikkunsidrat**

Li din l-eċċezzjoni tqajmet fl-aħħar stadju ta' dawn il-proċeduri u dana minkejja li l-atti li dwarhom qed issir l-oġġezzjoni ġew allegati fil-bidu nett ta' dawn il-proċeduri hekk kif jirriżulta mil-verbal ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tad-12 ta' Ottubru 2015 meta inqraw l-akkużi. Id-difiża kellha kull opportunita li tqajjem l-oġġezzjoni tagħha għal dawn il-provi u baqgħet inadempjenti.

Ikkunsidrat li skont ma jirriżulta mill-verbal tat-28 ta' Lulju 2023 li jagħmel referenza għal verbal tal-10 ta' Lulju 2023, din il-Qorti żammet seduta esklussivament sabiex il-Qorti ikollha s-serħan tal-moħħ li ma kienx hemm il-ħtieġa li din il-Qorti tisma xi xhieda viva voċe, u dan oriġinarjament fid-dawl tar-riassenjazzjoni tal-kawża. Il-partijiet kienu ddikjaraw li kienu qed jeżentaw il-Qorti mis-smiegħ ta' provi. Din hija prova ċara li jekk xejn f'dan l-istadju huma kienu qed jirrinunzjaw għal provi viva voċe. Il-Qorti tqis li almenu f'dan l-istadju, mistoqsija speċifikament dwar il-provi viva voċe, id-difiża messa qajjmet din il-kwistjoni, u n-nuqqas ta' oġġezzjoni għandu jitqies bħala rinunzja ta' dan id-dritt.

Din l-eċċezzjoni tqajmet biss fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tad-difiża. Il-Qorti tqis dan l-aġir wieħed kemxejn irregolari. Il-Qorti tagħmel referenza għal sitwazzjoni analoga fi proċeduri fil-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fil-kawża fl-ismijiet **Diana**

**Gatt et vs. Vincent Said** fejn rinfaċċata bl-inadempjenza tal-konvenut li imbagħad ressaq eċċezzjoni fi stadju meta l-kawża kienet imħollija għan nota ta' sottomissjonijiet finali, qieset l-aġir abbużiv:

*"Hu evidenti li għalkemm il-konvenuti, inkluża s-soċjetà Daihatsu, kienu jafu bil-prosegwiment ta' din il-kawża kien biss meta l-kawża baqgħet għas-sentenza li s-soċjetà Daihatsu qamet u talbet li tippreżenta l-eċċezzjoni ulterjuri tagħha. Din l-attitudni waħedha hija ġjà abbuż tal-proċess ġudizzjarju."*

Din il-Qorti tqis li d-difiża, la darba kellha din l-oġġezzjoni missha qajjmitha fl-istadju opportun, ossia meta ġew allegati l-atti, jew meta saret referenza għalihom mix-xhieda, mill-prosekuzzjoni jew mill-parte ċivile, u mhux f'dan l-istadju.

Qieset ukoll pero li hawnhekk il-Qorti m'għandiex xi prova kwalunkwe u din lanqas m'hi xi kontestazzjoni dwar l-aqwa prova. L' oġġezzjoni li qed issir tirrigwarda provi li diġà jifformaw parti mill-atti proċesswali, u huma propju provi magħmula permezz ta' xhieda mogħtija skont ir-regoli applikabbli quddiem Qorti, u li d-difiża stess ipproduċiet, jew fil każ ta' esperti tal-Qorti jew xhieda tal-parti l-oħra, hija kellha kull ċans tikkontrolla tali xhieda, u fil fatt hekk għamlet f'dawk il-proċeduri, bl-esklużjoni tal-provi ppreżentati fl-isfida kontra l-Kummissarju tal-Pulizija peress li t-talba sabiex id-difiża tintervjeni kienet ġiet miċħuda.

Il-produzzjoni bħala evidenza ta' xhieda li ma jkunux instemgħu mill-Qorti, u li dwarhom ma tkun ingħatat ebda eżenzjoni mill partijiet hija regolata bl-artikolu 646 tal-Kapitolu 9, fejn jingħad is-segwenti:

*"646.(1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u vivavoce."*

Issa l-provi li dwarhom qed issir l-oġġezzjoni huma provi li ġew eżaminati fil-Qorti u viva voċe, kif ingħad. Ovvjament jekk il-partijiet li kellhom l-opportunita jeżaminaw u jikkontrollaw ix-xhieda ma ħassewx il-ħtieġa li jeżerċitaw tali kontroll huma ma jistgħux imbagħad jistrieħu fuq l-inadempjenza tagħhom li jikkontrollaw tali xhieda u jqajjmu l-inammissibilta ta' dik ix-xhieda. Jirriżulta ukoll li l-biċċa l-kbira tax-xhieda reġgħu ittellgħu jixhdu f'dawn il-proċeduri.

Magħdud dan il-Qorti ma tqisx li d-difiża hija preġudikata bil-mod kif ġew prodotti l-provi u x-xhieda f'dawn il-proċeduri, partikolarment bl-allegazzjoni tal-atti msemmija.

**Għal dawn ir-raġunijiet tiddisponi minn din l-eċċezzjoni billi tiċħadha.**

**L-investigazzjoni tal-Pulizija**

L-ispettur James Grech xehed f'dawn il-proċeduri fejn identifika lill-imputati fl-awla u ppreżenta numru ta' dokumenti li ġew immarkati bħala dok DC1 sa DC7. Il-pulizija għall-ħabta ta' nofsinhar neqsin kwart kienet ġiet infurmata, dak iż-żmien is-Surġent 325 Patrick Bonnici, li kien inqala argument fil-bini tal-GRTU fi Triq ir-Repubblika l-Belt Valletta. L-informazzjoni li kellu kienet li Vincent Farrugia kien ġie aggredit minn Sandro Chetcuti, u sussegwentement kien ittieħed l-isptar Mater Dei b'ambulanza. Sandro Chetcuti kien intalab imur l-għassa fejn minn hemmhekk ittieħed l-isptar minħabba li kellu xi ġrieħi.

Fil-viċinanzi tal-aggressjoni kien hemm Joe Attard, Marcella Agius, Silvia Gauci, Diane Scerri, u l-imputati Paul Abela u Philip Fenech u allura, madwar sagħtejn wara, huwa ħa l-verżjonijiet tagħhom sakemm Chetcuti kien għadu l-isptar. Dawn tniżżlu direttament fuq il-PIRS report (dok DC1). Dawn ma kienux flimkien waqt li ttiħditilhom il-verżjoni, imma daħlu wieħed wieħed u tniżżel il-ħin li ġew mitkellma. Huwa kkonferma li ma tax-kopja tar-rapport.

Dak iż-żmien Vincent Farrugia kien id-direttur ġenerali tal-GRTU filwaqt li Sandro Chetcuti kien membru tal-kunsill. Mill-istampa li kien ifforma dwar dak li ġara l-Ispettur jgħid li Farrugia kien irċieva SMS bi żball mingħand Chetcuti. Sussegwentement kien irċieva messaġġ ieħor mingħand Chetcuti fejn dan qallu li dan kien xi frame-up, u li l-SMS ma kienx bagħtu hu. Farrugia ma emmnux u Chetcuti talbu jiltaqa miegħu personalment biex jurih xi dokumenti li jippruvaw li l-SMS ma kienx bagħtu hu.

L-għada 11 ta' Marzu 2010 Chetcuti kien mar il-GRTU. Chetcuti daħal fil-boardroom, fejn kien hemm Silvia Gauci, ukoll membru tal-kunsill, u Paul Abela president tal-GRTU, li ħarġu mil-boardroom biex Chetcuti u Farrugia jitkellmu weħidhom. Ġara li Gauci reġgħet daħlet biex tieħu l-handbag u malli ħarġet semgħet ħoss u għajjat ġej mill-boardoom. L-ispettur jgħid li kulħadd mar jara x'kien ġara. L-ewwel li daħlu kienu Paul Abela, Marcella Agius, Joe Attard, u Silvia Gauci.

Silvia Gauci li kienet għada kemm ħarġet peress li marret lura għal handbag tgħid li semgħet lill Farrugia jgħid "ajma, ajma". Malli daret rat lill Farrugia jżomm il-bieb tal-boardroom u Chetcuti beda jtih bil-ponn. Farrugia spiċċa mal-art fejn Chetcuti beda jtih

bis-sieq. Kien hemm ħafna demm. Hi rat lill Abela u Attard jaqilgħu lill-Chetcuti minn fuq Farrugia u ħarġuh il-barra. Sakemm ħarġuh Chetcuti beda jgħajjat u jhedded lill Farrugia *"noqtlok", "niġi ma ħija u noqtlok"*.

Il-verżjoni ta' l-imputat Paul Abela kienet tikkombaċi ma dik ta' Gauci. Abela qal lill-ispettur li hu kien ħareġ mill-boardroom u mar fil-kamra ta' barra. L-ispettur jagħmel referenza għal-folio 80 tal-proċess tal-kawża Il-Pulizija vs Sandro Chetcuti fejn l-imputat Paul Abela waqt ix-xhieda tiegħu jgħid li kien semgħa l-istorbju u għajjat. Carmen Borg, li kienet manager, għajtitlu għax [Chetcuti] kien ser joqtlu u meta mar sab lill Farrugia bid-demm ma wiċċu mal-art, fejn kien hemm id-demm ukoll u Chetcuti beda jagħti lill Farrugia bil-ponn u bis-sieq. Jgħid li Marcella Agius kienet hemm diġà.

L-Ispettur jgħid li Marcella Agius allura kienet l-ewwel waħda li daħlet fl-uffiċċju, Paul Abela t-tieni, u Joe Attard it-tielet. Marcella Agius kienet qalet lill-Ispettur li kellha l-iskrivanija faċċata tal-uffiċċju ta' Farrugia, semgħet l-għajjat u peress li l-bieb tal-uffiċċju ta' Farrugia kien tal-ħġieġ matt setgħet tara lill Chetcuti ħiereġ mill uffiċju, u kif kien ħiereġ dan dar lura semgħet ħoss ta' xi ħadd jaqa mal-art, u rat lill-Farrugia mal-art. Qalet li marret tgħin lill-Abela jżomm lill-Chetcuti imbagħad ġie Joe Attard u hi kompliet tgħin lill-Farrugia. B'referenza għax-xhieda tagħha fil-proċess msemmi (Il-Pulizija vs Sandro Chetcuti, folio 113) hija bdiet tgħid lill-Chetcuti jikkalma u bdiet tħares fiss f'għajnejh. L-Ispettur allura jgħid li skont ix-xhieda ta' Marcella Agius, Chetcuti kien bil-wieqfa u mhux kif jgħid Paul Abela li Chetcuti kien fuq Farrugia. L-Ispettur jgħid li Agius ma ratx lill Chetcuti jagħti bis-sieq lill-Farrugia kif allega Abela, avolja din kienet ġol boardroom qablu.

Joe Attard fix-xhieda tiegħu folio 105 tal-proċess msemmi hawn fuq jgħid li Farrugia kien mal-art u Chetcuti bilwieqfa, mentri dan lill-Ispettur oriġinarjament kien qallu li kien għen lill imputat Paul Abela jaqla lill Chetcuti minn fuq Farrugia. Ma jgħidx li kien qed itih bil-ponn jew bis-sieq imma li rah bilwieqfa.

Huwa jgħid li f'dawn il-proċeduri inħatar espert tal-Qorti Dr Martin Bajada li xehed fit-28 ta' Jannar 2016 u għaraf tlett rapporti li huwa kien ippreżenta mill-atti proċesswali u li ġew immarkati bħala Dok MB, MB1 u MB2. Dwar l-estrazzjoni ta' SMS mill espert, l-uffiċjal investigattiv jgħid li fiż-żmien bejn l-inċident u meta tressaq Chetcuti, ċioé bejn il-11 ta' Marzu u l-24 ta' Marzu 2010, jirriżultaw skambji ta' messaġġi bejn Farrugia u Abela (folio 461, 497 u 512) dwar kif kellhom jixhdu l-uffiċjali u staff li

kienu l-GRTU dak inhar tal-inċident. B'referenza għal SMS 904 folio 512 Farrugia jgħid lill Abela *"kulħadd irid jgħid li smajtuh jgħid x'ħin tani d-daqqa ripetutament li ried joqtolni, noqtlok, noqtlok, kellimhom lil l-oħrajn ħalli ma jibżgħux għax dik hi l-verità sagrosanta"* u l-imputat Abela iwieġeb permezz ta' SMS 905 folio 461 *"tħabbilx rasek hekk sejrin jgħidu għaliex hekk qal u mhux darba imma l-ħin kollu sakemm ħriġnieh il barra"*.

Sussegwentement Emmanuel Cassar li xehed f'dawn il-proċeduri fis-26 ta' Jannar 2016 kien eżamina r-relazzjoni tal-espert tal-Qorti Dr Martin Bajada u kien ġabar il-*calls* b'mod li jagħmlu aktar sens. Dawn kienu ġew esebiti fl-atti proċesswali dwar l-isfida ta' Sandro Chetcuti kontra l-Kummissarju tal-Pulizija u ġew immarkati bħala Dok EC1 u EC 2. Huwa ppreżenta ukoll Dok EC3 li huwa *call profile* ta' Philip Fenech mal membri tal-*press* li xehdu in konnessjoni ma dawn il-proċeduri.

Fil-proċeduri kontra Sandro Chetcuti, l-imputat Farrugia xehed kontra Chetcuti dwar x'ġara kemm qabel l-aggressjoni, kif ukoll waqt l-aggressjoni. Jgħid li Chetcuti sar aggressiv u beda jgħidlu li jobogħdu u dak il-ħin daħlet fil-boardroom Gauci għal handbag u mobajl u reġgħet ħarġet. Hemmhekk tgħid li nnotat il-ħarsa aggressiva ta Chetcuti f'għajnejh u ppruvat twissi lill Farrugia. Ftit wara Farrugia nstema jgħid lill Chetcuti biex joħroġ il-barra u malli kienu ħierġin il-barra mill uffiċċju Chetcuti dar lura qallu *"noqtlok, noqtlok"* u taħ daqqa ta' ponn qawwija u Farrugia spiċċa mal-art lura ġol uffiċċju.

Farrugia jallega li Chetcuti mar fuqu u beda jtih bil ponn fuq wiċċu u fuq il-kustilji u anke fuq żaqqu. Kien hawn li daħħlu Marċella u Paul u bdew jiġbdu lill Chetcuti minn fuqu, iżda Chetcuti beda jerġa jmur fuq Farrugia. Waqt ix-xhieda tiegħu fil-kawża kontra Chetcuti (Il-Pulizija vs Sandro Chetcuti) jgħid li kkalkula li qala madwar għoxrin daqqa (folio 66, 67). L-ispettur Grech, jgħid li dan kollu ġara fi ftit sekondi, u qisu jimplika li dan kollu ma jikkombaċix f'ħin daqshekk qasir. Isostni ukoll li dan ma jaqbilx ma dak li qal Abela, peress li Abela waqt l-istatement tas-6 ta' Mejju 2014 jgħid li Chetcuti ma offra l-ebda reżistenza anzi waqaf waħdu. Joe Attard jgħid li meta daħal hu, Chetcuti kien bilwieqfa.

L-uffiċjal investigattiv jagħmel referenza għax-xhieda ta' Gauci u għal fatt li din tbiddel il-verżjoni tagħha mogħtija bħala xhud tal-prosekuzzjoni u imbagħad fil-kontroeżami tagħha. L-uffiċjal investigattiv fil-kontroeżami tiegħu folio 40 jgħid li huwa ma

nvestigax il-binarju li Chetcuti seta' tkellem ma Gauci. Jgħid pero li l-persuna li rathom hija uffiċjal għoli fiċ-Ċivil (Permanent Secretrary) u l-uffiċjal investigattiv kien ngħata direzzjoni li ma jiġix mitkellem. Jgħid ukoll li Sandro Chetcuti kien ġie mistoqsi jekk hu kellimx lill Silvia Gauci, avolja waħda mill-kundizzjonijiet għal-ħelsien mill arrest kienet li ma jkellimx ix-xhieda, Chetcuti ma jinnegax li kellimha l-Mellieħa.

L-uffiċjal investigattiv ikompli jgħid li meta l-persuni li kienu xhieda ta' dak li ġara ġew imsejħa l-għassa eżatt wara l-inċident, il-verżjoni tagħhom tniżżlet fir-rapport u ma ngħatawx kopja ta' dak li qalu.

Ikompli biex jagħmel referenza għal skambju ta' SMSs bejn l-imputat Farrugia u l-imputata l-ieħor Philip Fenech, fejn hemmhekk issir referenza għal fatt li Farrugia kien qed jibża li x'xhieda ma jiftakrux, u Fenech imbagħad minn naħa tiegħu jirrispondi li qed juża l-influwenzi tiegħu.

L-uffiċjal investigattiv jagħmel referenza ukoll għal SMS's li ġew skambjata bejn l-imputat Farrugia u t-tifel tiegħu, fejn Farrugia jgħid li għandhom jiġu mitkellma it-tobba li kienu eżaminawh sabiex jiġi assigurat li x'xhieda tagħhom ma tkunx *"soft"*. Jingħad ukoll lit-tifel tiegħu li *"Xi ħadd irid jgħid li any bloke could have killed me"*.

L-uffiċjal investigattiv jagħmel referenza għax-xhieda tat-tobba u jindika li għalkemm kien hemm feriti kompatibbli ma blunt traumas, ma ġiex stabbilit jekk kienx hemm daqqa waħda jew iktar. Jgħid ukoll li l-speċjalista kien inbidel, kien hemm referreal minn wieħed għall ieħor, u jallega li kien hemm xi affarijiet li setgħu tħallew barra minn xi tabib jew speċjalista.

Wara li ngħatat is-sentenza fil-konfront ta' Chetcuti, l-uffiċjal investigattiv kien issokta fl-investigazzjonijiet tiegħu dwar il-possibiltà li xi xhieda setgħu ġew mitkellma biex jixhdu l-falz, u fis-6 ta' Mejju 2014 kienet ittieħdet stqarrija lill-imputat Paul Abela. Huwa jidentifika xi inkonsistenzi bejn il-verżjonijiet u x-xhieda li ngħatat mill-imputat Abela fosthom il-fatt li Chetcuti tajjar lill-Marcella Agius, u li Chetcuti beda jipprova jmur lura fuq Farrugia wara li dan ġibdu minn fuqu. Isostni li din l-aħħar verżjoni tikkombaċi ma dak li qalet Agius, ossia li hi ma ssemmix li Chetcuti kien tajjarha imma li hu kien diġá bilwieqfa.

L-uffiċjal investigattiv ħa ukoll l-istqarrija tal-imputat Philip Fenech. Dan tal aħħar kien stqarr li dak li kien jgħid lill-Farrugia fl-SMS mhux vera kien iseħħ u kien jgħidlu hekk

biex iserraħlu rasu. Jgħid li Fenech qallu li fil-GRTU kien jieħu ħsieb affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Pulizija, u li lix-xhieda kien spjegalhom il-proċedura b'mod ġenerali u wissiehom biex jgħidu dak li semgħu. Jgħid li wara l-inċident tkellmu ma xulxin imma ma kienx hemm żmien biex wieħed jagħmel dak li ddeskriva bħala "xi konfoffa" bejn l-inċident u l-ħin li marru l-għassa tal-pulizija wara l-inċident.

L-uffiċjal investigattiv esebixxa l-istqarrijiet dettaljati tal-imputati inkluż dik ta Vince Farrugia.

L-uffiċjal investigattiv sostna li huwa kien iddiskuta l-akkużi li kellhom joħorġu mas-superjuri tiegħu u mal-Avukat Ġenerali.

## B. Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno

### 1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputati jiġu ddikjarati ħatja, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, ċioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li "dubju jkun dak dettat mir-raġuni".

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt":*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Fil każ odjern speċifikament fir-rigward tat-tieni akkuża, wieħed irid iħares lejn l-artikolu 639, li jistabbilixxi regoli applikabbli għal-akkużi dwar sperġur jew ġurament falz:

> *"639.(1) B'dak kollu li jingħad fl-aħħar artikolu qabel dan, ħadd ma jista' jiġi misjub ħati ta' kalunnja, sperġur, jew ġurament falz, fuq ix-xiehda weħedha ta' xhud wieħed biss li jmeri l-fatt li jkun xehed qabel taħt ġurament l-imputat jew l-akkużat;*
>
> *iżda dan l-imputat jew akkużat jista' jiġi misjub ħati fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss, meta din ix-xiehda tkun korroborata f'xi ċirkostanza li tkun tiswa biex tistabbilixxi d-delitt allegat, minn provi oħra miġjubin skont il-liġi."*

Għaldaqstant għalkemm fi proċeduri kriminali persuna tista tinstab ħatja anke fuq xhieda ta' persuna waħda jekk emmnuta, fi proċeduri dwar sperġur jew ġurament falz, ix-xhieda ta' l-imsemmija persuna trid tkun korroborata f'xi ċirkostanzi li tkun tiswa biex tistabbilixxi d-delitt allegat, minn provi oħra miġburin skond il-liġi. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-23 ta' April 2013 fl-ismijiet Il-Pulizija vs William Portelli** fejn il-verżjoni tal-*parte civile* kienet korroborata minn xhud ieħor. Biss din il-Qorti tqis li tali korroborazzjoni mhux bilfors tkun ta' xhud tista tkun korroborazzjoni permezz ta' provi ċirkostanzjali oħra.

## 2. Il-Proċeduri kontra l-imputat Vincent Farrugia

Kif diġà ġie ddikjarat hawn fuq, il-Kummissarju tal-Pulizija fl-14 ta' April 2021 ippreżenta nota li biha informa l-Qorti bil-mewt tal-imputat Vincent Farrugia, kif ukoll

ippreżenta estratt oriġinali mill-Att tal-Mewt bin-numru 1128/2021 mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

**Għaldaqstant il-Qorti sejra tastjeni milli tippronunzja ruħha fil-konfront tal-akkużi miġjuba kontra l-imputat Vincent Farrugia, u tiddikjara l-proċediment fil-konfront tal- imputat Vincent Farrugia bħala estint.**

**Din il-Qorti sejra l-ewwel tqis it-tieni imputazzjoni imbagħad tgħaddi għal kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel imputazzjoni.**

3. **It-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputati Vincent Farrugia u Paul Abela talli nhar l-24 ta' Marzu 2010 ġewwa l-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq Repubblika, Valletta:** 2. *tajtu xhieda falza fi proċeduri kriminali dwar delitt suġġett għall-piena akbar mill-piena ta' priġunerija għal żmien sentejn, sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkużata.*

Jirriżulta li x-xhieda li dwarha l-imputat Paul Abela qiegħed jiġi akkużat hija dik mogħtija mill-imputat Paul Abela nhar l-24 ta' Marzu 2010 (folio 76 sa 83) fil-kawza quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat illum Imħallef Dr Edwina Grima. L-imputat f'dik il-kawza kien tressaq bħala xhud fl-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni.

Għal aħjar intendiment ta' dawn il-proċeduri u ta' din l-imputazzjoni se tiġi riprodotta dik ix-xhieda mertu tal-imputazzjoni:

"...

*Paul Abela, iben late Carmelo, imwieled Hal-Qormi u residenti Madliena, prodott mill-Prosekuzzjoni, bil-Malti u bil-gurament, fil-prezenza tal-imputat jghid:*

*Mistoqsijiet tal-parte civile*

*Dr. Kris Busietta: Sur Abela tista' tispjega lill-Qorti il-kariga tieghek li inti tokkupa fil-*

*GRTU?*

*Paul Abela: Jiena fil-GRTU, il-president tal-GRTU.*

*Dr. Kris Busietta: Tista' tispjega inti lis-Sur Sandro Chetcuti jekk tafu u kif tafu?*

*Paul Abela: Sandro Chetcui huwa executive member tal-kunsill tal-GRTU.*

*Dr. Kris Busietta: Lil dan Sandro Chetcuti inti qieghed tghafru fl-awla?*

*Paul Abela: Iva.*

*Magistrat: Ix-xhud qed jindika lill-imputat.*

*Dr. Kris Busietta: Issa inti tista' tispjega jekk ftit taz-zmien ilu kien hemm laqgha partikulari tal-GRTU, kien hemm prezenti wkoll is-sur Farrugia u intqal certu diskors. Is-Sur Farrugia kien qallek xi haga partikolari vis a vis Sandro Chetcuti?*

*Paul Abela: Iva kellna l-laqgha tal-kunsill u wara l-laqgha tal-kunsill.*

*Dr. Kris Busietta: Il-laqgha tal-kunsill meta kienet Sur Abela?*

*Paul Abela: Il-laqgha tal-kunsill kienet l-Erbgha li ghadda.*

*Dr. Kris Busietta: Ta' liem xahar qed nitkellmu.*

*Paul Abela: Ta' Marzu.*

*Dr. Kris Busietta: Kien nhar t' Erbgha?*

*Paul Abela: Kien nhar t'Erbgha, kien hemm, kellna l-laqgha tal-kunsill, spicca l-laqgha tal-kunsill u ovvjament ma jkunx telaq kullhadd, baqa s-Sur Farrugia, jien u xi giex membri ohra, kienu minghalija Mario Debono u l-iehor ma niftakaru, ircieva telefonata s-Sur Farrugia li f' dik it-telefonata inqtal li Sandro baghat messagg u qed jghidlu "dak il-messagg ma bghatux jien" u ovvjament kona, Vince kien qed jghidli u tkellimna wkoll li kellu jiddiskutiha, kellu jiddiksutiha ghan-nom tal-kunsill ma Sandro.*

*Dr Kris Busietta: Issa meta inti qed tghid illi s-Sur Farrugia ircieva minghand Sandro Chetcuti, inti kont prezenti meta s-Sur Farrugia ircieva din it-telefonata?*

*Paul Abela: Jiena kont prezenti fil-council room.*

*Dr.Kris Busietta: Issa s-Sur Farrugia kien qallek, hemm, il-kontenut tal-konverzazzjoni li kien hemm bejniethom?*

*Paul Abela: Hu uriehieli l-daka, parti mill-SMS fejn kienet tindika l-messagg li bghatlu.*

*Dr. Kris Busietta: Inti Ilum il-gurnata tiftakar il-kontenut f'dak il-messagg x'kien?*

*Paul Abela: Il-kontenut ftit uriehuli s-Sur Farrugia, igifieri l-kontenut ezatt ma nafux.*

*Dr. Kris Busietta: Dakinhar inti intqal xi diskors iehor bejnietkom vis a vis dak il-messagg u vis a vis Sandro Chetcuti?*

*Paul Abela: Ovvjament fuq il-messagg kien messagg li s-Sur Farrugia kellu jara ma Sandro Chetcuti biex jara dik l-SMS ghaliex intbghat u dana kollu, imbaghad kellu jara fuqu aktar tard.*

*Dr. Kris Busietta: Igifieri dakinhar, igifieri meta kien hemm il-laqgha tal-kunsill generali l-konverzazzjoni jew l-involviment tieghek kienet spiccat hemmhekk, jew kellek xi involviment iehor?*

*Paul Abela: L-involviment tieghi kienet sal-ahhar. Imbaghad bqajna jiena u s-Sur Farrugia, imbaghad jiena tlaqt.*

*Dr. Kris Busietta: L-ghada, l-ghada l-Hamis.*

*Paul Abela: L-ghada l-Hamis.*

*Kris Busietta: Tista' tispjega inti l-gurnata tieghek kif zvolgiet filghodu fil-bini tal-GRTU ?*

*Paul Abela: Mela le, mela le. Jiena l-Hamis fil-hdax u ghoxrin wasalt u dhalt il-GRTU, kellna meeting ipprogrammat ma Gordin Cordina, li huwa l-ekonomista tal-MCESD, peress li jiena w is-sur Farrugia npoggu fuq l-MCESD Committee kellna dan il-meeting konness mal-MCESD.*

*Dr. Kris Busietta: Tista' tispjega min kien prezenti ghal din il-laqgha mas-Sur Cordina?*

*Paul Abela: Iva. Kien hemm is-Sur Farrugia, jiena u Silvia Gauci u Gordon Cordina. Silvia Gauci hija membru tal-kunsill ukoll imma wkoll ser tiehu position fl-MCESD, allura jiena w is-Sur Farrugia hassejna li Silvia Gauci ghandha tkun prezenti ghal dan il-meeting. Ghamilna l-meeting.*

*Dr. Kris Busietta: Tikkalula bejn wiehed w iehor kemm damet din il-laqgha?*

*Paul Abela: Nofs siegha/tlett kwarti jigifieri bl-ezatt ma nafx, imma dament nos siegha/tlett kwarti.*

*Dr. Kris Busietta: U wara li spiccat din il-laqgha inti fejn mort.*

*Paul Abela: E imbaghad jiena wara li spiccat din il-laqgha, dahal Sandro Chetcuti, ovvjament kont ghad hekk jien u Silvia Gauci u talab li jkun mas-Sur Farrugia wahdu, li jaghmel meeting wahdu.*

*Dr. Kris Busietta: U inti x'ghamilt?*

*Paul Abela: Ahna imbaghad tlaqna, la riedu wahdu, ahna nahseb stajna bqajna hemm imma Sandro esiga li jiena u Silvia nohorgu. Jien hrigt, mort zegt ikmamar il-boghod, lanqas fl-ufficju.*

*Kris Busietta: Igifieri bqajt fil-bin.*

*Paul Abela: Bqajt fil-bini, mhux fl-ufficju ta' ma genb il-board room, mort g'iehor, fejn is-segretarja, fejn Diane u qghadt bil-wieqfa nistenna hemmhekk.*
*Dr. Kris Busietta: Igifieri kemm tikkalkula illi hemm boghod minfejn mort inti ghal fejn kienet qed issir il-laqgha fejn kien hemm is-Sur Farrugia u s-Sur Sandro Chetcuti.*
*Paul Abela: Forsi ten meters ghax giex ufficini.*
*Dr. Kris Busietta: Ghaxar (10) metri boghod. Imbaghd x'gara?*
*Paul Abela: Imbaghad jiena wara xi hames minuti smajt storbju kbir u ghajjat.*
*Dr. Kris Busietta: Gej minn fejn.*
*Paul Abela: Gej mil-laqgha fejn kien hemm is-Sur Farrugia u Sandro, giet tigri Carmen Borg, li hija l-manager hemmhekk, wahda mill-managers u giet tghidli, "Paul ejja, ghax Sandro ha joqtlu" u tlaqt nigri jien, dhalt nigri fil-baord room, insib lis-Sur Farrugia fl-art, lil Sandro itih bis-sieq u bil-ponn u kien hemm diga Marcella, Marcella bdiet tipprova zzommu w ovvjament, alavolja ma kellhiex dik il-dik. Imbaghad dhalt jien, wara qbadtu minn idejh kien ghadhom bil-ponn, idejh bil-ponn, qbadtu minn idejh jien, ovvjament ghax fini ragel, ghax kieku kont izghar ma nafx x'kont naghmel, gbidtu lura, bdejt nghajjat mieghu u gbidtu hemm skrivanija quddiem il-mejda tal-board room u zammejtu hemm. F 'hin minnhom bdiet izzommli mieghi Marcella u jien kont dahri lejn is-Sur Farrugia. Imbaghad in the meantime gie Joe Attard jghini ghax wahda ma stajtx inzommu aktar, igifieri dan qisu ljun feroci qed tara u jiena rnexxili inzommu minn idejja u ghamilt idejh ma wiccu, ovvjament ghax hu fih ragel pretendejt li forsi dak il-hin ha jaghmel ghalija wkoll imma ma ghamilx u baqna inzommuh. Imbaghad jienu u Joe Attard, smajt lil Vince jghidulu biex joqghod mal-art ghax jien rajtu abjad, allura biex jimxilu d-demm, nisma lis-Sur Farrugia jghid, "ma rridx nitefa' fl-art" ghax ovvjament beda jibza' minn Sandro li ghadu hemm gol-kamr, imbaghad harguh fuq siggu l-ufficju l-iehor.*
*Dr. Kris Busietta: Hargu, lil min hargu?*
*Paul Abela: Hargu lis-Sur Farrugia, poggewh fuq siggu u kien qieghed, jien qieghed, ahna qeghdin hawn hergin biha u s-Sur Farrugia qieghed hemm u waqt li ovvjament jien qed inzommu b'idejja, Joe qed izommlu zaqqu, ghax bdejna nzommuh bejn tnejn.*
*Dr. Kris Busietta: Lil min kontu qed izzommu bejn tnejn.*
*Paul Abela: Inzommu lil Sandro. Jien lil Sandro kont qed inzommu Joe Attard l-istess haga. Malli hrigna fl-ufficju l-iehor u s-Sur Farrugia kien fuq dan is-siggu, Sandro sgiccali minn idejja u beda jghidlu lis-Sur Farrugia, Sandro, "noqtlok, noqtlok, noqtlok?*

*Fit-tieni kamra, fit-tieni kamra, meta morna fit-tieni kamra rega' dahrli hekk, jien nghajjat miegu biex johrog u qallu "issa ngib lil hija u ghada nigu noqtluk". Ahna hrignieh bqajna sejrin bih lil Sandro sa barra Beda jghidli c-cwievet u l-mobile, ghidtlu c-cwievet u l-mobile kienu gol-but u imbghad hrignih barra t-triq, imbaghad barra t-triq narah icempel. Igifieri ahns hrignieh sa fuq il-bankina. Mea kien fuq il-bankina hareg il-mobile u beda jcempel.*
*Dr. Kris Busietta: Ara Sur Abela, ejja ha mmorru daqxejn lura ghal hin meta inti smajt l-istorbu gej mill-board room fejn kienu s-Sur Farrugia u s-Sur Chetcuti, inti malli inti dhalt xena rajt?*
*Paul Abela: Jiena x-xena li rajt, rajt lis-Sur Farrugia bid-demm ma wiccu, niezel id dernm, id-demm mal-art.*
*Dr. Kris Busietta: U Sandro Chetcuti x'kien qed jghamel?*
*Paul Abela: Sandro jtih bis-sieq u bil-ponn ujiena imbaghad intfghajt fuqu biex nigbdu l-barra.*
*Kris Busietta: Tiftakar minn fejn gbidtu lis-Sur Chetcuti?*
*Paul Abela: Jien lis-Sur Chetcuti gbidtu hekk minn idejh. Igifieri s-Sur Farrugia kien fl-art hawn u jien lil Sandro imbaghad gbidtu, kellu jdejh hawn u gbidtu b'kollox b'gismi b'kollox biex nigbu on the side hawnhekk.*
*Dr. Kris Busietta: Vis a vis il-bieb u I-mejda li kien hemm fil-board room, inti tiftakar fejn sibt lis-Sur Farrugia?*
*Paul Abela: Iva lis-Sur Farrugia sibtu Pdir-rokna, f'dir-rokna tal-kamra kif tidhol, ilbieb infetah hekk u hu qieghed f' dir-rokna, kien hemm id-demm mal-koxxa u s-Sur Farrugia kien qieghed kiftidhol il-bieb on the left mixhut mal-art hemmhekk.*
*Dr. Kris Busietta: : U ijja qed nghidu bejn il-bieb w il-mejda. Xejn aktar mix-xhud Sur Magistrat*

*Kontro eami riservat*

*Din hija x-xhieda ta' Paul Abela dettata minnu stess direttament fuq it-tape quddiem il-Qorti u fil-prezenza tal-imputati.*

*(firma tal-Magistrat)*
*Magistrat*

*Niddikjara li ittraskrivejt onestament u fedelment u fl-ahjar hila u taghrif tieghi ttraskrizzjoni tat-tape."*

Sabiex it-tieni akkuża tirnexxi, il-prosekuzzjoni trid tipprova sal-grad rikjest mil-liġi penali li l-imputat Paul Abela xehed il-falz. Din l-akkuża hija msejsa fuq l-inkonsistenza u l-varjazzjonijiet tax-xhieda dwar jekk Sandro Chetcuti, talabx lill Paul Abela biex joħroġ mill-boardroom jew kienx hu li ddeċieda li jitlaq, jekk tax aktar minn daqqa waħda u jekk użax idu biss jew saqajh ukoll. Magħduda ma din l-aħħar ipoteżi hemm il-fatt li allura Chetcuti waqafx waħdu, jew jekk il-persuni preżenti kellhomx jużaw xi tip ta' forza biex jaqilgħu lill Chetcuti minn fuq Farrugia. Il-prosekuzzjoni anki permezz tal-avukat tal-parte ċivile ssostni li l-imputati amplifikaw l-inċident, u li gidbu dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ.

Id-delitt li bih jinsabu akkużati l-imputati Vince Farrugia u Paul Abela huwa ravviżat fl-artikolu 104 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid:

*"104.(1) Kull min jagħti xiehda falza fi proċeduri kriminali dwar delitt suġġett għall-piena akbar mill-piena ta' priġunerija għal żmien sentejn, sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkużata, jeħel, meta jinsab ħati, minn sentejn sa ħames snin priġunerija.*

*(2) Iżda, jekk il-persuna akkużata tiġi ikkundannata għal piena akbar mill-piena ta' priġunerija għal żmien ħames snin, ix-xhud li jkun ta x-xiehda falza kontra dik il-persuna fil-kawża, jew, li mix-xiehda tiegħu jkun sar użu kontra il-persuna akkużata f'dik il-kawża, jeħel dik il-piena akbar."*

L-elementi ta' dan id-delitt huma stabbiliti bħala:

(i) Xhieda mogħtija f'kawża, kemm jekk kriminali jew ċivili;

(ii) Ġurament mogħti legalment mill-awtorità kompetenti;

(iii) Falsità ta' tali xhieda f'partikolarità materjali; u

(iv) Intenzjoni ta' tali falsità jew intenzjoni kriminali

**(i) Xhieda mogħtija f'kawża**

Rekwiżit essenzjali ta' dan ir-reat huwa li x-xhieda sindikata u li l-prosekuzzjoni tkun qed tallega li hija falza **trid tkun ingħatat fi proċeduri, f'dan il-każ penali, quddiem**

**il-Qorti**. Għalhekk jekk wieħed jikkonsidra l-merti ta' dan il-każ, kieku wieħed jieħu l-ipoteżi li tkun ingħatat verżjoni distorta lill-Pulizija fl-istadju tal-investigazzjonijiet u l-imputat imbagħad jagħti l-verżjoni korretta waqt ix-xhieda tiegħu, dan ma jkunx jista jwassal għal sejbien ta' ħtija taħt din l-imputazzjoni. Ix-xhieda li ma jkolliex mis-sewwa trid tkun ingħatat mill-imputat fil-kawża quddiem il-Qorti.

Din il-Qorti tagħmel referenza għal-verbal tagħha kif diversament presjeduta tat-12 ta' Ottubru 2015 minn fejn jirriżulta li l-atti tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill Maġistrat illum Imħallef Onor. Edwina Grima bħala Qorti Istruttorja fil-proċeduri Il-Pulizija (Spettur James Grech) vs. Sandro Chetcuti (Kump. Nru. 233/2010), ġew allegati ma din il-kawża. Jirriżulta ukoll li din l-imputazzjoni titratta xhieda li ngħatat mill-imputat nhar l-24 ta' Marzu 2010 u li tinsab fl-atti tal-kawża preċitata folio 76 sa 83 liema xhieda ġiet riprodotta hawn fuq. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-ewwel element jirriżulta sodisfatt.

**(ii) Il-Ġurament**

It-tieni element ta' dan id-delitt huwa li x-xhieda falza mertu ta' din l-imputazzjoni trid **tkun ingħatat b'ġurament**, f'dan il-każ mil-Maġistrat sedenti fil-proċeduri penali msemmija fl-element preċedenti.

Il-fatt li x-xhieda msemmija ingħatat bil-ġurament huwa kkonfermat kemm fil-verbal tas-seduta tal-24 ta' Marzu 2010 (folio 30) kif ukoll fit-traskrizzjoni tal-istess xhieda (folio 76). Din il-Qorti għaldaqstant tqis li dan it-tieni element huwa ukoll sodisfatt.

**(iii) Il-Falsità**

Il-falsità f'dan id-delitt hija waħda konsistenti f'dikjarazzjoni materjali falza konxenzjuża. L-imputat irid ikun jaf li dak li jkun qiegħed jgħid m'għandux mis-sewwa.

Il-liġi tagħna ma tispeċifikax f'hiex tikkonsisti l-falsità. Il-Professur Mamo jagħmel referenza għal Kodiċi Taljan sabiex jimla dan il-vojt, u allura jistabbilixxi illi din tissussisti meta jkun hemm affermazzjoni ta' dak li hu falz, jew ċaħda ta' dak li hu veru.

Huwa jsostni li l-ommissjoni jew is-sempliċi rifjut li tingħata xhieda jew li titwieġeb xi mistoqsija mhux biżżejjed biex jissussisti dan id-delitt. Tali nuqqas jikkostitwixxi delitt jew delitti separati taħt il-Kapitolu 9 iżda mhux dak li huwa akkużat bih l-imputat Abela. Ikompli l-Professur Mamo li tali rifjut ma għandux jiġi konfuż man-nuqqas ta' żvelar ta' fatti relevanti għal każ, fatti li mhux biss jiġi mistoqsi dwarhom iżda anki dawk relevanti li ma jkunx ġie mistoqsi speċifikament dwarhom.

Dwar dan din il-Qorti tagħmel referenza għal fatt li skont il-formola tal-ġurament dettata taħt l-artikolu 623 tal-Kapitolu 9 ix-xhud ikun intrabat bil-ġurament li jgħid is-sewwa kollu: "aħlef (jew, wettaq solennement) li x-xiehda li sejjer tagħti, tkun is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn ħlief is-sewwa. Hekk Alla jgħinek."

L-ommissjoni ta' fatti magħmula b'mala fede jew b'intenzjoni kriminali, tikkostitwixxi xhieda falza. Bl-istess mod dikjarazzjoni tax-xhud taħt ġurament li ma jkunx jaf, ra jew sema xi ħaġa, meta fil-verità huwa jkun jafha, ukoll twassal għal xhieda falza.

Magħdud ma dan hemm il-ħtieġa li **l-falsità tkun materjali** għall-kawża li fiha jkun qed jixhed l-imputat. Dan ifisser li jekk dak li jingħad ma jkollu l-ebda potenzjal li jwassal għal ħtija tal-imputat, tali xhieda ma tistgħax twassal għal-sperġur.

Issa f'dan il-każ il-prosekuzzjoni ssostni li Paul Abela xehed li malli Sandro Chetcuti daħal fil-boardroom huwa "*talab li jkun mas-Sur Farrugia waħdu, li jagħmel meeting waħdu.*" Sandro Chetcuti fix-xhieda tiegħu isostni li hu ried li Paul Abela jibqa fil-boardroom peress li kien il-President, biss kien qed jiddejjaq ftit minn Silvia Gauci. Il-Qorti ma tqisx li din l-inkonsistenza bejn dak li jgħid l-imputat Paul Abela u dak li jistqarr Sandro Chetcuti tista tinfluwenza dawn il-proċeduri, ħlief fir-rigward tal-kredibilità tax-xhieda. L-istess jingħad dwar xi nkonsistenzi żgħar oħra. Din il-Qorti għaldaqstant mhux se taħli l-enerġiji tagħha fuq dawn l-inkonsistenzi u sejra tiffoka fuq dak li huwa materjali għal dawn l-akkużi.

Paul Abela imbagħad aktar tard meta żviluppa d-disgwid jgħid li "insib lis-Sur *Farrugia fl-art, lil Sandro itih bis-sieq u bil-ponn u kien hemm diga Marcella"*. Il-prosekuzzjoni u l-parte ċivile isostnu li ngħatat biss daqqa waħda bl-idejn li laqtet lill-Vince Farrugia f'wiċċu. Din id-daqqa ma kellhiex l-effetti ta' grieħi ta' natura gravi peress li kif jirriżulta mill-provi fil kawża kontra Sandro Chetcuti deċiża fit-18 ta' Settembru 2013, Vince Farrugia ma sofriex ksur jew debilita permanenti. Biss f'dawk il-proċeduri kien qed jiġi allegat li Vince Farrugia qala iktar minn daqqa waħda, bil-ponn u bis-sieq, u

kawża t'hekk huwa sofra fratturi fil-kustilji. Dawn il-ġrieħi huma klassifikati bħala gravi, u l-piena għalihom hija aktar serja minn dik ta' natura ħafifa. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li x-xhieda tal-imputat Paul Abela jekk tirriżulta l-falsità, u sakemm jissussistu l-elementi l-oħra ta' dan id-delitt, kienet tali li tikkwalifika bħala falsità materjali għal dak il-każ, peress li kawża ta' dik ix-xhieda l-imputat seta' weħel piena għola.

Din il-Qorti għaldaqstant trid tanalizza l-provi sabiex tasal għal konklużjoni tagħha jekk kienx hemm din il-falsità fix-xhieda ta' Paul Abela. Fir rigward ta' dak li jingħad hawn fuq dwar l-artikoli 638 u 639 tal-Kapitolu 9 ċioé li r-regola li xhud wieħed jekk emmnut ikun biżżejjed sabiex iwassal għal sejbien ta' ħtija, iżda din trid tkun "*korroborata f'xi ċirkostanza li tkun tiswa biex tistabbilixxi d-delitt allegat, minn provi oħra miġjubin skont il-liġi.*"

Sabiex din il-Qorti tasal għal konklużjoni dwar l-imputazzjonijiet odjerni, hija sejra teżamina kemm dawk il-provi diretti kif ukoll dawk indiretti. Il-Qorti trid teżamina l-verżjonijiet tax-xhieda, u l-inkonsistenzi bejn dak li jgħidu x'xhieda f'okkażjonijiet differenti, kif ukoll il-varjazzjonijiet bejn il-verżjoni ta' xhud ma ieħor. Tgħaddi ukoll biex tevalwa dawk il-provi fattwali li tikkorrobora jew tmeri ix-xhieda ta' Paul Abela dwar il-fatt li hu jgħid bil-ġurament li ra lill-Sandro Chetcuti jxejjer bil-ponn u anke bis-sieq fid-direzzjoni ta' Vince Farrugia.

Se tibda billi tevalwa dawk il-provi mediċi li jistgħu jindikaw jekk kienx hemm aktar minn daqqa ta' ponn waħda u jekk possibilment kienx hemm daqqiet ta' sieq. Dawn il-provi jirriżultaw kemm mill-atti proċesswali tal-kawża kontra Sandro Chetcuti deċiża fit-18 ta' Settembru 2013 kif ukoll mill-atti tal-kawża odjerna.

Mix-xhieda ta' Dr Konrad Borg tas-16 ta' Ġunju 2010 jirriżulta li hu kien eżamina lil Vince Farrugia fil-11 ta' Marzu 2010, jiġifieri dakinhar tal-inċident ftit wara nofsinhar u sab li kien qed ibati minn qasma ta' ċirca żewġ ċentimetri u nofs fuq in-naħa ta' fuq ta' għajnejh ix-xellugija u t-tbenġila madwar l-istess għajn. Jgħid ukoll illi kellu kontużjoni fuq sidru fuq ix-xellug. Huwa ċċertifika dawn il-ġrieħi bħala gravi minħabba l-qasma msemmija. Dr Joseph Debono, konsulent f'Mater Dei Hospital li xehed fis-26 ta' Lulju 2010 dwar l-eżami tiegħu fuq Vince Farrugia fit-12 ta' Marzu 2010, l-għada tal-inċident, ukoll irriżultalu tbenġil mal-kaxxa ta' sidru.

Mix-xhieda ta' l-imsemmija żewġ tobba din il-Qorti tifhem li barra l-ġrieħi f'għajnejh, Vince Farrugia sofra ukoll ġrieħi fuq sidru li ħallew kontużjoni jew tbenġila viżibbli għat-tobba li eżaminawh fl-emerġenza dakinhar tal-inċident.

Mr. Anthony Samuel ta' x-xhieda tiegħu fis-26 ta' Lulju 2010. Huwa jgħid li kien ħa bone scan taċ-chest wall fil-kustilji ta' Vince Farrugia fit-22 ta' Marzu 2010, jiġifieri ħdax il-ġurnata wara l-inċident, għax kien hemm suspett ta' ksur fil-kustilji. Huwa jgħid li rriżultalu li kien hemm dislocation ta' l-artikolazzjoni tat-tmin sal-ħdax-il kustilja. Jispjega li din il-kundizzjoni hija kompatibbli ma' blunt trauma u tista' tibqa' tidher fil-bone scan sa sena minn mindu tiġri.

Din il-qorti tosserva li fuq mistoqsijiet tad-difiża huwa jinnega illi b'xi mod ġie avviċinat biex jesaġera ir-riżultat ta' din il-bone scan, għalkemm jikkonferma li kien jaf lill-Vince Farrugia kif ukoll it-tifla tiegħu.

Dr Pierre Farrugia xehed fis-26 ta' Lulju 2010 biss dan ma tax dettalji utli għal dan il-każ. Sussegwentement kien reġa' xehed fid-29 ta' Settembru 2010 fejn esebixxa il-fajl mediku ta' Vince Farrugia. Huwa kkonferma li kien rah fit-12 ta' Marzu 2010.

Dr Joseph Debono, konsulent f'Mater Dei Hospital kif diġà ingħad hawn fuq ukoll xehed fis-26 ta' Lulju 2010 u qal li kien eżamina lill-Vince Farrugia fit-12 ta' Marzu 2010, l-għada tal-inċident, fejn irriżulta li kellu tbenġil ma' wiċċu u mal-kaxxa ta' sidru. Farrugia kellu uġigħ fil-kustilji tax-xellug bejn it-tmienja u d-disa' kustilja. Jgħid li sarulu CT scans u x-rays li ma wrewx ħsara fir-ras. Huwa xehed li dawn l-injuries huma kompatibbli ma' blunt trauma. Huwa esebixxa d-discharge summary. Hu qal li kien irreferih għand fiżjoterapista kif ukoll għall investigazzjoni ulterjuri dwar il-ksur tal-kustilji. Mid-discharge summery jirriżulta li fost testijiet oħra kien ittiħidlu x-ray ta' sidru u ma kienx ġie nnotat ksur. Sarlu ukoll scan tal-abdomen u kollox kien jidher normali. Huwa kien xehed ukoll f'dawn il-proċeduri eżattament fit-18 ta' Mejju 2016 fejn qal li kien iffirma u żied xi affarijiet bil-kitba fuq id-discharge letter (folio 217 sa 219 tal-proċess il-Pulizija vs Sandro Chetcuti) li kienet ġiet typed mit-tobba tiegħu. Iż-żiedet saru xi erba jew ħamest ijiem wara, eżattament fit-23 ta' Marzu wara li waslulu r-riżultati tal-bone scan li saru wara complaints li l-pazjent kien miġuh. Fir-rigward taċ-ċertifikat folio 276 sa 278, dan kien sar wara li sar reassessment tal-pazjent wara li telaq. Dwar il-fatt li l-bone scan ma jidhirx fil-file huwa jispjega li dan ikun jidher fis-sistema elettronika i-soft. Huwa ikkonferma li tkellem mal-unika persuna li kien jieħu ħa ħsieb

il-bone scan ċioé Mr. Anthony Samuel. Huwa ikkonferma li t-tifla ta l-imputat Vince Farrugia ma kellmitux.

In kontroeżami huwa kkonferma li mil-bone scan irriżulta ksur. Din il-Qorti tqis allura li dawn l-eżamijiet mediċi huma dokumentati u barra dak li jikkonferma Dr Anthony Samuel, l-konsulent Dr Joseph Debono, ukoll jikkonferma l-fractures.

Fis-16 ta' Marzu 2011 kien xehed l-espert mediko-legali maħtur mill-Qorti Dr Mario Scerri li iddikjara li kien eżamina lill-Vince Farrugia fil-11 ta' Marzu 2011, jiġifieri sena wara l-inċident. Huwa kien aċċeda wkoll għall-fajl mediku tal-isptar, l-xrays, CT scan, three phase bone scan u ultrasound taż-żaqq ta' Vince Farrugia. L-espert maħtur mill-Qorti irrapporta li Vince Farrugia kien għadu jilmenta b'uġiegħ, iżda l-espert ma sab ebda fratturi. Biss l-esperti jagħmel riżerva fis-sens li kien ikun aħjar kieku l-qorti taħtar konsulent radjoloġista indipendenti sabiex jiġi kjarifikat id-dubju rigward dak li huwa jsejjaħ bħala open time frame msemmi minn Dr. Samuel peress li ma kienx jikkjarifika kemm kienet riċenti it-trawma li huwa ddeskriva fir-rapport tiegħu. L-espert jgħid ukoll li meta ikun hemm blunt trauma, mhix prassi normali li issir three phase bone scan.

Din il-Qorti tinnota li l-konsulent Dr Joseph Debono, avolja kienu saru l-investigazzjonijiet msemmija, kien irrefera lill Vince Farrugia għal investigazzjoni ulterjuri dwar l-uġiegħ li kien qed jilmenta bih Vince Farrugia fil-kustilji. Din il-Qorti m'għandiex informazzjoni mill-esperti mediċi dwar fhiex setgħet tikkonsisti din l-investigazzjoni ulterjuri. Biss dak li hija ċert minnu din il-Qorti hu li kien hemm dan ir-referral, li ma kinitx tiddetta għand min u fejn għandu jmur Vince Farrugia. Imbagħad mill-provi irriżulta li kien hemm kuntatti bejn it-tifla ta' l-imputat Vince Farrugia u Mr Anthony Samuel u sar dan l-imsemmi three phase bone scan. L-avukat tal-parte ċivile jallega li ma kienx jistenna li Mr Anthony Samuel jaġixxi b'dan il-mod, u dan peress li kien hemm kuntatt dirett u saħansitra ltaqgħu casually u tkellmu fuq il-każ, peress li it-tifla ta' Vince Farrugia u Mr Anthony Samuel, it-tnejn professjonisti mediċi kienu jafu lill-xulxin minn qabel.

Din il-Qorti żżid li xtarret bir-reqqa x-xhieda ta' Mr Anthony Samuel kif se jingħad aktar il-quddiem. Il-Qorti hija persważa li dan ix-xhud kien jaf il-konsegwenzi ta' xhieda falza, u issibha diffiċli ħafna li persuna ta' dan il-kalibru tixhed fuq riżultati dokumentati b'mod li m'għandux mill-verità.

Sussegwentement kien ġie nnominat Dr. Malcolm Crockford li eżamina it-testijiet tar-radjoloġija li saru fuq Vince Farrugia fil-11 ta' Marzu 2010 kif ukoll it-three phase bone scan li sar fit-22 ta' Marzu 2010. Huwa jgħid li mit-testijiet li saru fil-11 ta' Marzu 2010 ma rriżultawx fratturi. Dwar it-three phase bone scan li sar fit-22 ta' Marzu 2010, huwa jgħid li dan huwa test aktar sensittiv u għalkemm jistgħu jiġu nnotati xi kambjamenti dawn ma jistgħux jiġu attribwiti għal inċident li seħħ fl-10 ta' Marzu 2010. Dawn il-kambjamenti seta' kienu kkawżati kemm minn trawma, kif ukoll minn affarijiet oħra bħal artrite u sogħla akuta. Fir-rapport tiegħu (folio 608 u 609 tal-proċess) jikkonferma dan u jikkonkludi li ma jistgħax jagħti aging preċiż taċ-changes osservati. Dr Malcolm Crockford reġa' xehed fil-11 ta' Frar 2016 f'dawn il-proċeduri fejn ikkonferma r-rapport tiegħu folio 604 tal-atti quddiem il-Maġistrat, illum Imħallef Dr Edwina Grima, u xehed li mitt-three phase bone scan kien diffiċli tgħid meta saru l-leżjonijiet u mit-testijiet l-oħra kien kollox normali.

Wara x-xhieda ta' Dr Crockford, fis-7 ta' Diċembru 2011 kien rega' ġie prodott bħala xhud Dr. Samuel fejn dan spjega li hemm differenza bejn l-ispeċjalizzazzjoni ta' radjoloġista u dik ta' nuclear medicine physician. Huwa jispjega li wara li laħaq tabib kien rega' mar jistudja barra minn Malta f'Milan għal ħames snin fin-nuclear medicine. Dr. Samuel tul it-tieni xhieda tiegħu jispjega li meta jkun hemm indikazzjoni ta' ksur huma dejjem jagħmlu three phase scan. Din allura jgħid li hija proċedura standard. Din il-Qorti tosserva li l-espert medico-legali Dr Mario Scerri jirrapporta li three phase bone scan mhix proċedura normali f'każijiet ta' blunt trauma. Dr. Samuel waqt ix-xhieda tiegħu iressaq statistika dwar każijiet fejn kien sar three phase bone scan f'każijiet ta' blunt trauma. Dr. Samuel ikompli jispjega, qisu biex jiċċara dak li xehed dwaru Dr Crockford, li wieħed ma jkunx jista jiddetermina meta jkun sar l-insult, f'wieħed mil-fażijiet tat-three phase bone scan, dik imsejjħa bħala 'delayed phase' fejn il-ksur li jimmarka jista jkun sar sena u anki sentejn qabel. Jiċċara li bit-three phase scan, li huwa jiddeskrivi bħala l-vascular phase, blood pool, u fid-delayed boney phase, meta t-test ikun pożittiv fil-vascular phase, huwa jkun jista jikkonkludi li l-ksur ikunx sar reċentement jiġifieri sa erba jew sitt ġimgħat qabel. Huwa jgħid *"in keeping with recent trauma"*. Fuq mistoqsija tal-Maġistrat sedenti huwa jikkonferma li din il-leżjoni kienet kawża ta' trauma, u *"hija pattern tipika ta' compression"*. Huwa jeskludi li kienet kawża ta' infezzjoni. Waqt ix-xhieda jgħid li kellu l-istudji kollha u joffri li jippreżentahom biss dawn ma ġewx ippreżentati.

Ix-xhieda ta' Dr Samuel imbagħad tkompli bil-kontroeżami tiegħu fejn l-avukat tal-parte ċivile jattakka l-kredibilità tax-xhud u dan abbażi tal-fatt li huwa kien jaf lit-tifla tiegħu u kienu ġew skambjata xi messaġġi. It-tifla ta' Vince Farrugia li kienet taħdem bħala tabiba barra minn Malta xehdet u kkonfermat li kienet tafu u anke iltaqgħu soċjalment ftit qabel ittieħed it-three phase bone scan.

F'dan l-istadju din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fil-kawża kontra Sandro Chetcuti deċiża fit-18 ta' Settembru 2013 fejn il-Qorti fid-dawl tal-konklużjonijiet konfliġġenti tal-ispeċjalisti tgħid:

*"illi għalhekk ma hemmx dubju illi dawn ir-riżultati mediċi ma jistgħu qatt iwasslu għaċ-ċertezza morali illi fl-inċident tal-11 ta' Marzu 2010, il-parti leża sofra leżjonijiet f'sidru konsistenti f' xi frattura jew ksur tal-kustilji. Dana għaliex l-eżamijiet inizjali li saru fl-isptar ma wrew l-ebda sinjali ta' trawma. Illi in oltre it-three phase bone scan sar ħdax il- jum wara l-akkadut. Illi ma hemmx qbil bejn l-interpretazzjoni tar-riżultati ta' dan l-eżami bejn l-espert Dr. Malcolm Crockford u Dr. Anthony Samuel u għalhekk dan id-dubju ma jistax iwassal lill-din il-qorti għaċ-ċertezza morali illi Farrugia sofra xi ġrieħi xi ġrieħi ta' natura gravi konsistenti fi ksur fil-kustilji f'dan l-inċident. Finalment anke jekk għall-grazzja tal-argument il-qorti kellha taċċetta il-konklużjonijiet raġġunti mit-tabib Samuel, madankollu lanqas hu ma seta' jgħid bi preċiżjoni illi r-riżultati li sab kienu direttament marbuta mal-inċident li seħħ fil-11 ta Marzu 2010 u l-qorti ma għandha l-ebda prova fl-atti li jeskludi lill-parti leża seta' sofra xi trawma oħra qabel jew wara l-inċident".*

Dr Anthony Samuel xehed ukoll f'dawn il-proċeduri fis-17 ta' Marzu 2016 wara li rega' spjega l-ispeċjalizzazzjoni tiegħu żied jgħid li huwa rreġistrat dwar din l-ispeċjalizzazzjoni fir-reġistru miżmum mill-Medical Council, u li la Dr Crockford u lanqas Dr Scerri m'huma reġistrati f'dan ir-reġistru. Dr Anthony Samuel ikkonferma kif wasal għall-konklużjonijiet mediċi tiegħu u li xehed dwarhom fil-Qorti, u barra li rega' ikkonferma dawn il-konklużjonijiet, xehed li m'għandux dubbju dwarhom. Huwa ikkonferma li l-imputati qatt ma talbuh jixhed il-falz.

Fuq l-iskorta ta' dan id-dubbju dwar jekk kienx hemm il-ksur fil-kustilji u jekk dan il-ksur irriżulta setax jiġi attribwit għal azzjoni ta' Sandro Chetcuti, din il-Qorti diversament presjeduta applikat il-prinċipju li d-dubbju jmur favur l-akkużat. Issa din il-Qorti għandha l-istess sitwazzjoni, u għalkemm Mr. Samuel f'dawn il-proċeduri bix-xhieda tiegħu jinsisti li huwa m'għandux dubbju dwar il-konklużjonijiet tiegħu, din il-Qorti tqis li m'għandiex l-għarfien tekniku biex tieħu pożizzjoni dwar min minn dawn l-esperti mediċi għandu raġun. Ċertament li dan huwa każ ta' kunflitt ta' provi.

Din il-Qorti ikkunsidrat li issa għandha akkużi differenti minn dawk li kellha quddiema din il-Qorti kif diversament presjeduta mil-Onor. Maġistrat illum Imħallef Dr. Edwina Grima fil-kawża l-Pulizija vs. Sandro Chetcuti, fejn l-imputati Vince Farrugia u Paul Abela qed jiġu akkużati bi sperġur abbażi tal-fatt li l-imputat Paul Abela fix-xhieda tiegħu huwa jgħid li ra lill Sandro Chetcuti jagħti lill Vince Farrugia bil-ponn u bis-sieq, u d-dubbju issa se jmur favur dawn l-imputati f'dawn il-proċeduri.

Il-prosekuzzjoni ssostni li Farrugia qala biss daqqa waħda u x-xhieda ta' Paul Abela kienet intiża biex tneffaħ dan l-inċident. L-ipoteżi tal-prosekuzzjoni hi li Paul Abela għamel dan biex jiffavorixxi lill-Vince Farrugia. Il-Qorti sejra tagħmel referenza għas-sentenza ta' din il -Qorti kif diversament presjeduta mill-Maġistrat illum Imħallef Aaron Bugeja fl-isfida kontra l-Kummissarju tal-Pulizija deċiża nhar is-17 ta' April 2015 fejn il-Qorti nnotat:

*"Il-provi mediċi - kemm dawk fuq fatti riskontrati mit-tobba li jinvestigaw lil Farrugia fl-isptar Mater Dei u mill-eżamijiet li saru fuqu, kif ukoll dawk magħmula mill-esperti mqabbda mill-Qorti, huma prova ta' natura oġġettiva li ma jikkorroborawx il-verżjoni tal-inċident ta' gravità tali kif rakkuntata bil-ġurament minn Vincent Farrugia. Anzi, l-evidenza medika kollha, inkluż dik ta' Dr Anthony Samuel, timmilita kontra din il-verżjoni u favur ta' aggressjoni li kienet anqas gravi minn dak mistqarr minn Farrugia bil-ġurament."*

Din il-Qorti trid tqis illi filwaqt li Vincent Farrugia iddeskriva u saħansitra kkwantifika d-daqqiet għalkemm b'mod approssimattiv, Paul Abela ma jagħmilx l-istess waqt ix-xhieda ġuramentata tiegħu. Paul Abela jgħid:

"*... dhalt nigri fil-baord room, insib lis-Sur Farrugia fl-art, lil Sandro* ***itih bis-sieq u bil-ponn*** **[enfasi tal-Qorti]** *u kien hemm diga Marcella. Marcella bdiet tipprova zzommu w ovvjament, alavolja ma kellhiex dik il-dik. Imbaghad dhalt jien, wara qbadtu minn idejh kien ghadhom bil-ponn, idejh bil-ponn, qbadtu minn idejh jien, ovvjament ghax fini ragel, ghax kieku kont izghar ma nafx x'kont naghmel, gbidtu lura, bdejt nghajjat mieghu u gbidtu hemm skrivanija quddiem il-mejda tal-board room u zammejtu hemm. F 'hin minnhom bdiet izzommli mieghi Marcella u jien kont dahri lejn is-Sur Farrugia. Imbaghad in the meantime gie Joe Attard jghini ghax wahda ma stajtx inzommu aktar, igifieri dan qisu ljun feroci qed tara u jiena rnexxili inzommu minn idejja u ghamilt idejh ma wiccu, ovvjament ghax hu fih ragel pretendejt li forsi dak il-hin ha jaghmel ghalija wkoll imma ma ghamilx u baqna inzommuh...."*

Din il-Qorti tqis li l-provi in eżami, il-provi mediċi huma provi ċirkostanzjali. Il-ġurisprudenza nostrana tistrieħ fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-

sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda. F'dan il-każ il-provi tal-esperti mediċi jwasslu għal konklużjonijiet differenti. Din il-Qorti mix-xhieda tal-esperti mediċi ma tistax teskludi li kien hemm aktar minn daqqa waħda u dana peress li fl-ewwel lok għandha dubbju dwar min mill-ispeċjalisti għandu raġun. Pero l-Qorti fit-tieni lok tqis ukoll li Vince Farrugia kellu tbenġila fuq sidru kif ukoll kien qed jilmenta b'uġiegħ fuq ġenbu. Fid-discharge letter fil-fatt huwa kien riferut għal investigazzjoni ulterjuri dwar l-uġiegħ fil-kustilji, liema nvestigazzjoni ulterjuri tħejjiet minn Mr. Samuel. **Din il-Qorti tqis li d-dubbju li kien jeżisti sa mill-bidu nett dwar il-provi mediċi, anke fil-kawża kontra Sandro Chetcuti, f'dawn il-proċeduri għandu jmur favur l-imputat Paul Abela**.

Il-Qorti tinnota li l-vittma tal-inċident doluż li dwaru Sandro Chetcuti nstab ħati, ċioé Vincent Farrugia kif ukoll ix-xhieda li kienu preżenti fil-lok u fil-ħin tal-inċident inkluż l-imputati Paul Abela u Vince Farrugia taw ix-xhieda tagħhom fil-kawża Il-Pulizija vs Sandro Chetcuti deċiża fit-18 ta' Settembru 2013 fl-istess seduta wara xulxin, jiġifieri nhar l-24 ta' Marzu 2010. Vincent Farrugia kien reġa' xehed fil-5 ta' Mejju 2010 sabiex jippreżenta xi dokumenti, kif ukoll in kontro eżami fl-20 ta' Lulju 2011 (folio 614 sa 628).

Skont l-ispettur James Grech dakinhar tal-inċident is-surġent bin-numru 325 Patrick Bonnici ġie mgħarraf li kien inqala' inċident fil-GRTU. Fil-viċinanzi tal-aggressjoni kien hemm Joseph Attard, Marcella Agius, Silvia Gauci, Paul Abela, Diane Scerri, u Philip Fenech u intalbu jmorru l-għassa tal-belt u xi sagħtejn wara kien ħa l-verżjonijiet tagħhom sakemm Chetcuti kien għadu l-isptar. Mix-xhieda tal-Uffiċjal Investigattiv folio 30 tal-proċess joħroġ li dawn tniżżlu direttament fuq il-PIRS report (dok DC1). Dawn ma ttiħditilhomx dikjarazzjoni formali, u ma ngħatawx kopja ta' dak li qalu, kif inhi l-prassi meta tittieħed dikjarazzjoni ta' persuna li ma tkunx investigata, peress li tal persuna investigata din il-membri tal-Pulizija Eżekuttiva jsejħulha bħala statement.

Is-surġent bin-numru 325 Patrick Bonniċi fix-xhieda tiegħu jgħid li t-telefonata lill-Pulizija daħlet għas-siegħa neqsin għoxrin u huwa kien l-ewwel uffiċjal li wasal fuq il-post. Kienu fetħulu l-bieb tal-GRTU u laqgħu Joseph Attard u qallu li Sandro Chetcuti kien beda jagħti lil Vince Farrugia. Hemmhekk sab lil Vince Farrugia bilqiegħda fuq siġġu u kellu wiċċu bid-demm u għajnu blu. Jgħid li Vince Farrugia kien qed jilmenta

wkoll b'uġigħ fuq sidru u fuq ġenbu. Vince Farrugia qallu li kellu laqgħa ma' Sandro Chetcuti u dan beda jagħtih bil-ponn u bis-sieq. Jgħid li Sandro Chetcuti kien telaq minn fuq il-post, li kien ukoll fittex fil-parking fejn kien iħalli l-karozza u l-parker qallu li Sandro Chetcuti kien laħaq telaq. Jgħid li Sandro Chetcuti kien mar l-għassa bejn is-sagħtejn u s-sagħtejn u għaxra. Is-surġent jikkonferma li r-rapport (folio 13 sa 17) kien bdieh hu u komplieh l-Ispettur James Grech. Jgħid li sab diversi nies fuq il-post tal-inċident fil-GRTU, u li dawn kienu mbeżżgħin minn Sandro Chetcuti u li l-istess Chetcuti kien se jerġa' jmur lura fuq il-post.

Il-Qorti tinnota li fil-fatt kienu ngħalqu l-bibien tal-GRTU. Dan issaħħaħ il-verżjoni li Sandro Chetcuti kien indika li kien se jmur lura ma' ħuh, u kif ikkonfermat minn bosta kien hedded li ried joqtol lil Vince Farrugia. Fil-fatt l-istess Sandro Chetcuti jikkonferma li kien qal il-kelma "noqtlok" u kif ukoll li semma lill-ħuh.

Meta wieħed iħares lejn ir-rapport imsemmi mis-surġent (folio 15 et. sec.), wieħed isib il-verżjoni li ta Vince Farrugia lis-surġent a tempo vergine, ossia li huwa qala l-ewwel daqqa u waqa' mal-art u Sandro Chetcuti kompla itih bil-ponn fuq wiċċu u bis-sieq fuq ġenbu. Jingħad ukoll fir-rapport li s-surġent kellem lil Joseph Attard, Marċella Agius, Silvia Gauci u Paul Abela li qalulu li malli daħlu fl-uffiċju raw lill Sandro Chetcuti jagħti lill Vince Farrugia.

L-istess rapport ġie aġġornat fil-11 ta' Marzu 2010 fit-tlieta u kwart ta' wara nofsinhar (15:15hrs) mill-Ispettur James Grech u hemmhekk insibu il-verżjonijiet ta' Paul Abela, Silvia Gauci, Diane Scerri, Philip Fenech, Joseph Attard, Marcella Agius u Carmen Borg. Mir-rapport fil-qosor jirriżulta li Paul Abela u Silvia Gauci kkonfermaw dak li kien qal Vince Farrugia jiġifieri li Sandro Chetcuti kien qed jagħti lill Vince Farrugia bis-sieq u bil-ponn. Fl-istess rapport jingħad li Marcella Agius, Paul Abela u Joseph Attard qalu lis-surġent li ppruvaw iwaqqfu lill-Sandro Chetcuti, li kien persuna b'saħħitha, u li dan wara it-theddid fil-konfront ta' Vince Farrugia eventwalment inħareġ il-barra mill-GRTU minn Paul Abela u Joe Attard. Carmen Borg tgħid li rat lill Sandro Chetcuti jmur għal Vince Farrugia, marret għal Paul Abela u imbagħad rat lill Paul Abela u Joseph Attard jipprovaw jaqalgħu lill Sandro Chetcuti minn fuq Vince Farrugia.

Din il-Qorti qieset li l-parti tar-rapport imniżżla mis-surġent bin-numru 325 Patrick Bonnici hija bil-lingwa ingliza filwaqt li l-aġġornament li sar mill-Ispettur James Grech tniżżlet bil-lingwa Maltija u kif ukoll qiegħda fil-parentesi, indikazzjoni li dik il-

verżjoni tirrispekkja kelma b'kelma dak li qalu n-nies imsemmi hawn fuq. Qieset ukoll il-fatt li għalkemm din il-verżjoni li ngħatat lis-Surġent ma ngħatatx bil-ġurament, kif diġà ngħad, u għal raġunijiet kif imfissra hawn fuq, din il-verżjoni sejra titqies minn din il-Qorti bħala l-verżjoni li lanqas li kienet suxxettibbli għal influwenzi.

Mill-istampa li bena l-Ispettur James Grech jidher li Sandro Chetcuti kien mar biex ikellem lil Vince Farrugia. Meta Sandro Chetcuti daħal fil-boardroom, liema boardroom ġie stabbilit li kienet tintuża wkoll bħala uffiċċju ta' Vince Farrugia, kien hemm Silvia Gauci u Paul Abela u dawn ħarġu sabiex Sandro Chetcuti u Vince Farrugia ikunu jistgħu jitkellmu waħedhom.

Paul Abela jgħid li wara li ħareġ kien mar fil-kamra ta' barra u ftit ħin wara sema għajjat u storbju. Kien ra lil Vince Farrugia mal-art bid-demm ħiereġ minn bejn nagħsu u għajnu tax-xellug u Sandro Chetcuti kien qed itih bis-sieq sakemm dan kien mal-art. Huwa qabdu minn żewġ idejh tefgħu lura, u bid-dagħdija li kellu Sandro Chetcuti kellu jgħinu Joseph Attard biex ħarġuh barra t-triq. Jgħid li Vince Farrugia inħareġ mill-boardroom u tpoġġa bil-qiegħda fuq siġġu, u Sandro Chetcuti beda jgħid li ħa jsibu u joqtlu u anke li ħa jmur ma' ħuh u joqtlu. Jgħid li l-kelma joqtlu kienet ripetuta.

Fix-xhieda tiegħu tal-24 ta' Marzu 2010, Abela jirrepeti dak li jissemma fir-rapport. Kienet ġiet tiġri Carmen Borg li qaltlu *"Paul ejja għax Sandro ħa joqtlu"*. Jgħid ukoll li Marcella Agius kienet diġà hemm. Żied jgħid ukoll illi wara li Vince Farrugia inħareġ mill-uffiċċju u kien bilqiegħda fuq is-siġġu, waqt li hu flimkien ma' Joseph Attard kien għadu qed iżomm il-Sandro Chetcuti, dan żgiċċalu u beda jhedded lil Vince Farrugia bil-kliem noqtlok. Jgħid ukoll illi waqt li kienu ħerġin reġa' dar u qallu *"issa nġib lil ħija u għada niġi u noqtlok"*.

Vince Farrugia kien l-ewwel xhud wara l-uffiċjal investigattiv li xehed fl-24 ta' Marzu 2010. Din il-Qorti sejra tmur direttament sabiex tanalizza l-verżjoni ta' Farrugia dwar kif seħħet l-aggressjoni, peress li din hija propju il-parti li tinteressa l-Qorti għall-akkuża li għandha quddiemha. Vince Farrugia jgħid li Sandro Chetcuti kien daħal fl-uffiċċju tiegħu u ried ikellmu waħdu. Jgħid li kien aġitat u kien qed jipprova jiġġustifika ruħu dwar il-messaġġ li kien irċieva mingħandu. Sa dak it-tant kienu bilqiegħda. Kienet daħlet Silvia Gauci sabiex tieħu xi affarijiet u telqet il-barra. Vince Farrugia jgħid pero li ħarset lejh b'ħarsa donnha riedet tgħidlu biex joqgħod attent. Vince Farrugia jgħid li mbagħad qamu bilwieqfa u bdew jargumentaw, u Sandro Chetcuti għamel idejh ma

wiċċu u ma għonqu, filwaqt li kienu mexjin lejn il-bieb ta' ħġieġ opak fejn inti tista' tara x-xbiha iżda mhux id-dettalji tal-wiċċ. Jispjega li dan il-bieb tal-ħġieġ jekk tiftħu san-nofs jerġa' jingħalaq waħdu. Fetaħ il-bieb u Sandro Chetcuti ħareġ u Vince Farrugia kien warajh waqt li kienu qed jgħajjtu u jargumentaw ma' xulxin. F'dan il-mument Sandro Chetcuti dar lura qallu *"noqtlok, noqtlok"* u tah daqqa ta' ponn deċiża fuq wiċċu, eżattament fuq għajnejh tax-xellug li tefatu lura ġol-uffiċċju għal dahru mal-art. Jgħid li Sandro Chetcuti baqa' jgħajjat *"noqtlok noqtlok"*, ġie fuqu u beda jtih bil-ponn l-aktar fuq wiċċu. Vince Farrugia jgħid li beda jipprova jgħatti wiċċu, u Sandro Chetcuti beda jtih fuq ġenbu fuq in-naħa tax-xellug. Jgħid li biex jiddefendi ruħu huwa ġibed irkopptejh il-fuq. Vince Farrugia jgħid li beda jtih fuq il-kustilja u fuq sidru.

Vince Farrugia jgħid li l-ewwel ma daħlet kienet Marcella, imbagħad ġie Paul Abela u flimkien ippruvaw jaqilgħu lil Sandro Chetcuti minn fuqu. Jgħid li kien dak il-ħin li Sandro Chetcuti beda jtih bis-sieq. Jgħid ukoll li huma u joħorġuh il-barra kompla jgħajjat *"noqtlok, noqtlok"* u li kien ħa jmur ma' ħuh u joqtlu. Jgħid ukoll illi l-istaff tiegħu bdew jgħidulu biex jimtedd mal-art imma hu beda jibża' li Sandro Chetcuti jerġa' jiġi jtih.

Dwar il-ġrieħi Vince Farrugia jgħid illi meta daħlu l-emerġenza għamlulu ħames punti f'għajnejh, u mit-testijiet li sarulu irriżulta li għandu l-cartledges ta' erba' kustilji mċarrta u ma jistax jieħu nifs sew. In kontroeżami Vince Farrugia jgħid li jikkalkula li qala' mal-ħmistax sa għoxrin daqqa u li xi għaxra minnhom kienu ġo wiċċu.

Vince Farrugia kien reġa' xehed fil-5 ta' Mejju 2010 fejn kien ippreżenta xi dokumenti. Vince Farrugia xehed in kontro eżami fl-20 ta' Lulju 2011 (folio 614 sa 628), iżda dik ix-xhieda mhix ta' relevanza peress li kif diġà ngħad, il-proċediment huwa estint fil-konfront ta' Vince Farrugia.

Sandro Chetcuti kien xehed fis-16 ta' Jannar 2013. Il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-isfond tal-inċident li seħħ bejnu u bejn Vince Farrugia, u se tiffoka fuq dak li l-aktar li huwa ta' relevanza għal dawn il-proċeduri, ċioé dik il-parti fejn spjega kif kien seħħ l-inċident. L-ewwel inkonsistenza li tirriżulta hija dwar il-fatt li skont Sandro Chetcuti meta huwa daħal fil-boardroom biex ikellem lill-Vince Farrugia, kien Paul Abela li ddeċieda li jitlaq il barra, u Sandro Chetcuti fl-ebda ħin ma talbu jitlaq, anzi offrielu jibqa' għax ma kienx se jdum aktar minn ħames minuti. Jgħid li Paul Abela kien il-president u seta' jibqa', pero jgħid ukoll illi kien qed jiddejjaq ftit minn Silvia Gauci. Isostni li huwa ried

jurih il-karti tal-Vodafone iżda Vince Farrugia beda jxejjirhom ma' wiċċu u jgħajru frodist. Isostni li hu u fl-ebda ħin ma għolla leħnu ma Vince Farrugia, iżda dan beda jgħajru b'mod aggressiv, itih fuq ġenbu b'subgħajh waqt li beda jgħidlu biex jitlaq il-barra.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għax-xhieda tal-Perit Michael Falzon tal-24 ta' Novembru 2016 dwar okkażjoni separata fejn ra lill Farrugia jippokja b'subajh fir-ribs ta' Chetcuti. Il-Perit Michael Falzon qal li skont Chetcuti kien qed jagħmillu hekk biex jipprovokah. Din il-Qorti mhix se tidħol fil-kwistjoni jekk Chetcuti kienx provokat peress li dan mhux kompitu tagħha f'dawn il-proċeduri.

Ikompli Chetcuti isostni li huma u ħerġin mill-uffiċċju, waqt li Farrugia kien qed itih b'subajh f'ġenbu, dar fuqu u talbu biex jieqaf, iżda Vince Farrugia għamel wiċċu ma' wiċċu, subgħajh ma wiċċu, m'għajnejh, u f'dan il-mument Chetcuti irreaġixxa u xejjer daqqa u laqtu fuq in-nuċċali. Jgħid li din kienet l-unika darba li laqat lill Vince Farrugia u induna li żbalja. Isostni li ma kinitx daqqa ta' ponn, li ma ta' ebda daqqa bis-sieq u li dak li ngħad dwar daqqiet ta' sieq ma kienx minnu. Aktar tard in kontroeżami huwa jżid li kien laqtu bil ponta ta' subajh iż-żgħir u fil-fatt kien ġie ikkurat l-isptar dakinhar stess peress li kien qata' il-ligament ta' subajh.

Din il-Qorti tagħmel referenza għar-ritratti esebiti fil-proċess minn fejn jirriżulta illi Vince Farrugia kien sofra dak li komunement jissejjaħ bħala black eye. Din il-ġerħa hija iktar kompatibbli ma daqqa qawwija ġol-għajn milli ma dak li qed jallega li seħħ Sandro Chetcuti, jiġifieri li laqtu b'subgħajh iż-żgħir fuq in-nuċċali.

Din il-Qorti tinnota li wara li Sandro Chetcuti sostna li kien laqtu bil-ponta ta' subajh iż-żgħir u fil-fatt kien ġie ikkurat l-isptar dakinhar stess peress li kien qata' il-ligament ta' subajh, l-avukat tal-parte ċivile kien irreferih għar-ritratti folio 150 et seq. u Sandro Chetcuti stess l-ewwel jgħid li hu ma qalx li kien taħ daqqa żgħira, imbagħad jammetti li d-daqqa setgħet kienet *"ħarġet kbira"*.

Din il-Qorti ma tistgħax ma tinnotax u ma titħassibx dwar dawn l-inkonsistenzi u dwar il-bdil kontinwu fil-verżjoni u fil fatti ta' kif jirrakkunthom ix-xhud Sandro Chetcuti.

Chetcuti isostni li Vince Farrugia tbaxxa mal-art u beda jgħid *"ajma x'għamilli, x'għamilli, x'għamilli"*, u baqa' sejjer hekk. F'dan il-ħin daħal Paul Abela u qallu biex jitlaq, u huwa sema' minnu. Isostni li Vince Farrugia qam bilwieqfa waħdu u li kien

hemm xi tfajliet bdew inaddfulu wiċċu fil-kamra ta' barra. Sandro Chetcuti ammetta li hu u ħiereġ beda jara li Vince Farrugia qed jgħaġġibhom u jgħid li dak il-ħin in furia di sangue qallu il-kliem *"noqtlok ja bagħal l'int"*. Isostni li fl-ebda ħin ma żammewh għax ma kienx hemm għalfejn. Li huwa baqa' l-għassa sa xi d-disgħa ta' billejl biex jagħti l-istatement u waqt li kien qiegħed hemmhekk kienu daħlu xi sitta jew seba' membri tal-GRTU biex jagħtu l-verżjoni tagħhom.

Mistoqsi jekk hu kienx jaf li kien se jiġi mixli fuq tentattiv ta' omiċidju volontarju jgħid li lanqas biss ried jemmen.

In kontro-eżami huwa jinnega li ta aktar minn daqqa waħda, li semma' lil ħuh, u li kien sejjer ma' ħuh biex ipattieha lil Vince Farrugia. Isostni li huwa semma' lil ħuh meta lil Paul Abela qallu bil-kwiet, u mhux bl-għajjat, *"hawnhekk għal meetings nibda niġi ma ħija"*. Isostni li dan qalu fl-isfond li kienu qed jagħmlulu ħajtu infern, u ħuh kien security.

Mistoqsi dwar il-messaġġ li dwaru kellu imur ikellem lil Vince Farrugia, Sandro Chetcuti jgħid li dak li kien qal dwar il-fatt li l-mobile tiegħu kien ġie hacked u li l-messaġġ li kien intiż ghal Dr Joseph Muscat mhux hu bagħtu, kien qalu biex ibenġel l-iżball li kien ħa meta bagħat il-messaġġ lill Vince Farrugia. Mistoqsi dwar il-fatt li hu allega li l-mobajl u l-email kien ġie hacked, Sandro Chetcuti jgħid *"ma kinitx vera tal-emails, dik ivvintajta jien għax ma kontx naf x' ħa naqbad ngħid. Meta ħadt l-iżball tfixkilt hux, il-ferita hu, mhux ħa noqgħod niddejjaq ngħid, tfixkilt u ppruvajt niġbor giehi"*. Imbagħad kien iddeċieda li jgħid il-verità, kien mar għand tal-Vodafone biex iġib l-itemised billing sabiex juri lil Vince Farrugia li fl-aħħar mill-aħħar il-messaġġ ma kienx bagħtu lill Dr Joseph Muscat, u li din il-kwistjoni ma kellhiex għalfejn tikber. Mistoqsi għala kellu ċerta urġenza biex ikellem lil Vince Farrugia, Sandro Chetcuti jistqarr waqt il-kontroeżami li hu ma rridx li Vince Farrugia ixandru mal-kunsill u mal-president u jumiljah ma' kulħadd, iżda ried isolviha ras imb ras ma Vince Farrugia sabiex din il-kwistjoni tieqaf hemm.

Inkonsistenza oħra li ħarġet mix-xhieda ta' Sandro Chetcuti u ta' Joseph Attard, hi li filwaqt li Joseph Attard waqt ix-xhieda tiegħu jgħid illi kien hu li talab lil Sandro Chetcuti sabiex imorru jieħdu kafè peress li rah aġitat, Sandro Chetcuti isostni li kien hu li offra kafè lil Joseph Attard, u żied jgħid li tant hu hekk li ħallas hu.

L-inkonsistenzi imsemmija hawn fuq inaqqsu il-kredibilità ta' Sandro Chetcuti.

Sandro Chetcuti imbagħad reġa' xehed f'dawn il-proċeduri fis-16 ta' Ġunju 2016. Isostni li qabel l-inċident tal-11 ta' Marzu 2010 huwa kien jokkupa l-kariga ta' viċi president fil-kunsill tal-GRTU. Huwa ma kienx qabel li l-imputat Vince Farrugia joħroġ għall-kariga ta' president, saret elezzjoni u kemm hu kif ukoll dawk li ma qablux ma' din id-deċiżjoni ġew voted out, pero huwa xorta ġie elett. Joe Attard li kien inkarigat minn Green MT kien qal lil-Chetcuti biex joqgħod attent peress li kienu qed jippruvaw jaqilgħuh l-barra. Hu kien ħadha bi kbira u ma kienx kuntent bix-xogħol tiegħu fil-kunsill. Kien inqala xi battibekk mal-imputat Vince Farrugia u Chetcuti kien telaq il-barra. Chetcuti jsostni li imbagħad kien kiteb messaġġ biex jibgħatu lill-Kap tal-Oppożizzjoni li fih jikkonferma li kien qed jgħid il-Kap tal-Oppożizzjoni li kien imdejjaq b'dak li kien qed jagħmillu Farrugia, u bi żball dan il-messaġġ intbagħat lill Vince Farrugia stess. Imbagħad huwa ipprova jċempel lil Vince Farrugia biex jispjegalu x' kien ġara u li ried jiltaqa' miegħu, u dana biex jgħidlu li l-SMS baqa' ma bagħtux lill-Kap tal-Oppożizzjoni u li bagħtu lilu, u li kienet ħa tieqaf hemm. Jgħid li hu xorta seta' jibgħatu, biss induna li żbalja u ma bagħtux lill-Kap tal-Oppożizzjoni, u li kien iddispjeċut. Mistoqsi allura għala huwa kien qal lill-Vince Farrugia li dan kien frame-up, Chetcuti jgħid li hu ipprova jivvinta xi ħaġa biex iġaħġaħha.

Il-Qorti tinnota li meta ġie mistoqsi in kontroeżami għala kien gideb u qal lill-imputat Farrugia *"dak bagħattuli jew xi frame-up"*, meta l-SMS kien bagħatu hu stess, u għala meta nqabad ipprova jwaħħal f'ħaddieħor dak li għamel hu, Chetcuti ma jinnegax u jgħid li dik l-unika ħaġa li ġietu f'moħħu biex ibenġilha.

Chetcuti jsostni li ried jieħu l-karti tal-vodafone biex juri lill-Vince Farrugia li l-SMS bagħtu lilu biss u biex jgħidlu li ma kienx ħa jkompli fil-GRTU iżda kien se jagħmel session oħra. Mistoqsi dwar jekk ċempilx lill-imputat Farrugia qabel ma mar l-uffiċċju, Chetcuti jgħid li ċempillu filgħaxija biss l-imputat Farrugia qallu li ma setax jarah dak il-ħin għax kien busy u qallu biex jekk ikun irid imur l-għada l-ewwel xogħol.

Chetcuti mar il-GRTU fid-disa' ta' filgħodu u lill Vince Farrugia ma sabux u sussegwentement reġa' mar aktar tard fejn hemmhekk sab lil Diane li kienet waħda mis-segretarji tiegħu. Jgħid li malli Vince Farrugia rah, beda jgħajjat miegħu fl-uffiċċju quddiem in-nies, ċioé quddiem Diane, Silvia, Joe Attard u daħal ukoll Gordon Cordina. Chetcuti jsostni li hu ma għajjatx.

Jgħid li Vince Farrugia kien qallu li ma setgħax ikellmu dak il-ħin u Chetcuti baqa' jistennih bil-qiegħda fejn Joe Attard.

Chetcuti jgħid li reġa' pprova jkellem lill-Vince Farrugia u baqa' dieħel fil-boardroom fejn kien hemm Vince Farrugia, Paul Abela u Silvia. Dawn riedu joħorġu, u qal lill Paul Abela biex jibqa imma dan ħareġ ukoll, ingħalaq il-bieb u meta beda jurih il-karti li ġab miegħu, jgħid li huwa beda jgħajru u xejjirlu l-karti ma' wiċċu. Chetcuti jsostni li talab lill-imputat Farrugia biex jikkalma u jitkellem bħan-nies iżda hu beda jgħajjat *"itlaqli l-barra, itlaqli l-barra minn hawn"*. Jgħid li hu kien se jitlaq u kif fetaħ il-bieb beda jgħajru frodist quddiem kulħadd, u reġa' għalaq il-bieb. Jgħid li Farrugia għamillu subgħajh ma wiċċu u ġo għajnejh u li huwa b'reazzjoni għal dan xejjer idu. Din kienet l-unika daqqa li Chetcuti jgħid li ta. Jgħid li Vince Farrugia beda nieżel bil-mod mal-art. Dak il-ħin ma kien hemm ħadd fil-kamra.

Farrugia beda jgħajjat *"x' għamiltli, x'għamiltli",* u dak il-ħin resaq mal-ġenb tal-iskrivanija u f' dak il-ħin daħlet Marcella u ftit wara ġie Paul Abela li staqsa lill Chetcuti x'kien ġara. Jgħid li Paul qabadlu idejh bil-mod u qallu biex imur bil-kwiet. Jgħid li bil-fixla beda jfittex iċ-ċavetta avolja din kienet għand il-parker u ma setax isibha. Sadanittant ħarġu lill-imputat Farrugia fil-kamra l-oħra. Chetcuti jgħid li mbagħad telaq il-barra. Hu jammetti li jista' jkun li għajjat xi tnejn għax kien jaf li l-imputat Farrugia kien qiegħed jixxena u jkabbarha.

Issa din il-Qorti kellha l-opportunita tara r-ritratti tal-feriti li ġarrab Vince Farrugia (folio 150 tal proċess kontra Sandro Chetcuti). Il-Qorti, bħalma sostniet ukoll din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fil-kawża Il-Pulizija vs Sandro Chetcuti, tqis li dawn il-feriti ġew kawżati b'daqqa soda, u allura ma tistax tifhem kif Sandro Chetcuti ħa l-impressjoni li Vince Farrugia kien qed jixxena jew jgħaġġibhom. Il-Qorti, mingħajr ma tidħol fil-kwistjoni tal-allegati inġurji l-oħra, tqis li r-reazzjoni għal ferita bħal ma ġarrab Vince Farrugia, magħmula b'daqqa ta' ponn jew mod ieħor bl-idejn, għandu jkollha f' persuna normali u ta' l-età ta' Vince Farrugia effett kemxejn devastanti, u bilfors li din kellha tqanqal f'Vince Farrugia l-effetti u reazzjoni kif deskritta minn Chetcuti stess, u anke minn xhieda oħra.

Din il-Qorti tqis inverosimili ukoll il-fatt kif deskritt minn Chetcuti li Vince Farrugia niżel bil-mod mal-art, meta fl-ewwel lok daqqa bħal dik għandu jkollha l-effett f'persuna tal-età u statura ta' Farrugia li ssabbtu u mhux tniżżlu mal-art bil-mod, u fil-

fatt bosta mix-xhieda sostnew li semgħu ħoss ta' xi ħadd jaqa' mal-art. Hekk mill-provi s'issa diġà jirriżulta lill-Qorti li Chetcuti fix-xhieda tiegħu mhux qed jgħid is-sewwa kollu iżda qed jimminimizza dak li seħħ.

Sandro Chetcuti imbagħad jammetti li kellu dadieha meta fix-xhieda tiegħu juża l-kliem *"fis-saħna tad-demm, għedtlu noqtlok ja bagħal li int"*. Huwa jsostni li l-imputat Paul Abela reġa' qallu biex jitlaq bil-kwiet, u huwa qallu *"jien nibda niġi ma' ħija hawnhekk"*. Jgħid li dak iż-żmien ħuh kien security. Mistoqsi dwar dak li qalu x-xhieda li kienu hemm *"niġi ma' ħija u noqtlok, noqtlok"* Chetcuti jgħid li żgur ma qallux hekk. Jikkonferma li semma l-ħuh, pero li qal lill-imputat Abela hu *"jiena hawnhekk fil-GRTU nibda niġi ma' ħija"* għaliex dan kien security. Jispjega li hu ma ħassux safe imur il-GRTU. Mistoqsi jekk dan id-diskors dwar ħuh qalux ma l-imputat Paul Abela b'mod kalm, jew jekk qalux wara li qal lill Vince Farrugia *'noqtlok ja ..."*, jirrispondi *"le mhux dak il-ħin, ma niftakarx eżatt pero"*.

Wara li nqralu l-SMS folio 52 tal-proċess Il-Pulizija vs Sandro Chetcuti jgħid li l-unika daqqa li ta' lill l-imputat Farrugia, kienet dik ta meta xejjer idejh waqt li Farrugia kellu subgħajh f'għajnejh. Mistoqsi jekk hu kellux grif f'għajnejh, Chetcuti jgħid le ma kellux, u jgħid le ma kellu ebda injury.

Mistoqsi dwar id-daqqa, u jekk kinetx daqqa ta' ħarta jew daqqa ta' ponn, hu jgħid li kienet daqqa ta' ħarta u li fekkek it-tip, il-biċċa żgħira ta' subgħajh. Isostni li hu ma ta l-ebda daqqa ta' ponn lill Farrugia, kull ma għamel hu li xejjer idejh fuq il-nuċċali ta' Farrugia, u li b'dak li għamel kien żbalja. Mistoqsi jekk rax demm jgħid li dak il-ħin ma rax demm u jerġa jsemmi li kien f'dadieha pero li kien jaf kollox x'qed jiġri dak il-ħin. Hu jgħid li ħareġ waħdu, u li meta ħarġu lill-Farrugia, min naħa l-oħra tal-kamra, fis-saħna tad-demm, Chetcuti qal lill Farrugia noqtlok. Huwa tul il-kontroeżami tiegħu jibqa jinnega li sawwat lil Farrugia. Jispjega li kien fil ħin li ra lill-Farrugia jixxena u jeseġerhom li qallu *'noqtlok ja bagħal'*.

Dwar l-imputat Paul Abela, Chetcuti jgħid li skantat kif dan gideb fuqu il-għaliex meta daħal fil-kamra wara Marcella hu kien qiegħed wara l-iskrivanija u qallu biex imur bil-kwiet, u Chetcuti sema' minnu.

Din il-Qorti ma tqisx li dan hu dak li ġara. Chetcuti jammetti li kien f'dadieha. Il-Qorti tqis li persuna f'dadieha mhix se ġġib ruħha b'mod kalm kif jgħid li ġab ruħu Chetcuti.

Dan huwa kkonfermat mil-verżjonijiet li ngħataw *a tempo vergine* lill-Pulizija u li tniżżlu fir-rapport.

Carmen Borg kienet qalet lill-Pulizija dakinhar tal-inċident li għall-ħabta ta' nofsinhar tal-11 ta' Marzu 2010 kien daħal Sandro Chetcuti ħdejn Vince Farrugia, u li beda jiżdied l-għajjat. Hija semgħet lill Vince Farrugia jgħid lil Sandro biex joħroġ il-barra. Infetaħ il-bieb u rat lil Sandro idur lura u jmur għal fuq Vince. Hi ħarġet mill-uffiċċju u marret tgħajjat lil Paul Abela li kien fil-kamra l-oħra imbagħad hemmhekk Paul mar immedjatament lejn l-uffiċċju ta' Vince. Meta marret lura lejn l-uffiċċju rat lil Paul Abela u Joseph Attard jippruvaw iqajmu lil Sandro minn fuq Vince li kien mal-art. Tgħid li Sandro baqa' jippersisti u jgħid li ħa jmur iġib lil ħuh u joqtlu. Imbagħad ħarġu lil Vince u hi baqgħet tikkura lill-Vince Farrugia sakemm ġew il-Pulizija u ċemplu l-ambulanza. Vince Farrugia kellu d-demm nieżel minn ma' naqsu għall-ma' wiċċu u tbenġila kerha taħt għajnu x-xellugija. Mistoqsija x'kien qed jagħmel Sandro Chetcuti fuq Vince Farrugia, tgħid li Sandro Chetcuti kien qed jerfa' idejh fuq Vince Farrugia.

Silvia Gauci tgħid li wara li spiċċat il-laqgħa li kienet qed tattendi għalih fl-uffiċċju ta' Vince Farrugia, kienu baqgħu jiddiskutu xi punti hi Vince Farrugia u Paul Abela. Il-Qorti tinnota li dan jikkombaċi ma dak ddikjarat minn Gordon Cordina peress li xħin daħal Sandro Chetcuti fil-boardroom dan Cordina kien diġà telaq mill-boardroom.

Gauci tgħid li kien daħal Sandro Chetcuti li nsista li Gauci u Abela joħorġu, avolja Vince Farrugia riedhom jibqgħu hemm, sabiex ikellem għal ħames minuti lil Vince Farrugia waħdu. Il-Qorti kkunsidrat li l-fatt kif imsemmi mil-imputat Paul Abela, li Chetcuti ried ikellem lill Vince Farrugia waħdu huwa kkonfermat minn Silvia Gauci. Dak li jgħid Chetcuti li ried lill-Paul Abela jibqa fil-boardroom jistona mal-verżjoni ta' dawn iż-żewġ xhieda.

Silvia Gauci ssostni li hi ħarġet mill-boardroom flimkien ma' Paul Abela u indunat li kienet ħalliet il-mobajl warajha fil-boardroom u daħlet biex iġġibu. Ħarġet u mxiet qisu sat-tieni kamra u semgħet lil Vince Farrugia jgħid *"ajma, ajma"*. Malli daret rat lill Farrugia jżomm il-bieb tal-boardroom u Chetcuti beda jtih bil-ponn. Farrugia spiċċa mal-art fejn Chetcuti beda jtih bis-sieq ħafna. Tgħid li kien hemm id-demm mal-koxxa tal-bieb. Hi rat lill Paul Abela u Joe Attard jaqilgħu lill-Chetcuti minn fuq Farrugia. Tgħid li ż-żewġ tfajliet ħarġu lil Vince Farrugia il-barra, u li dan kellu d-demm ma wiċċu fuq l-ingravata u ma idejh. Sakemm ħarġu lil Vince Farrugia, Chetcuti beda

jgħajjat u jhedded lill Farrugia *"noqtlok, noqtlok"* u *"niġi ma ħija u noqtlok"* ripetutament.

Fix-xhieda tagħha tal-24 ta' Marzu 2010, filwaqt li fis-sustanza tirrepeti l-verżjoni li tniżżlet fir-rapport tal-Pulizija, din il-Qorti tinnota li hija tagħti aktar dettall. Hija iżid li l-inċident ġara għall-ħabta ta' nofsinhar tal-11 ta' Marzu 2010. Filwaqt li fil verżjoni li tat lill-Pulizija issemmi li malli daret rat lill Farrugia jżomm il-bieb tal-boardroom u Chetcuti beda jtih bil-ponn, waqt ix-xhieda tagħha tgħid li l-bieb kien miftuħ, Vince Farrugia kien mal-art u Sandro Chetcuti kien għadu jagħtih bis-sieq u fuq rasu wkoll. Iżżid li Vince Farrugia kien qed jipprova jilqa' għad-daqqiet b'idejh ma' wiċċu. Tgħid ukoll li peress li kellu idejh ma' wiċċu ma setax jilqa' d-daqqiet ta' sieq li kienu ġejjin fuq ġenbu. Iżżid tgħid ukoll li meta Paul Abela u Joseph Attard kienu qed iżommu lil Sandro Chetcuti, dan beda jipprova jiżgiċċa.

Din il-verżjoni allura tikkonferma li Chetcuti ma waqafx waħdu iżda kellhom jifirduħ Paul Abela u Joseph Attard, u dana skont kif imsemmi minn Paul Abela fix-xhieda tiegħu. Din il-verżjoni hija ukoll ikkonfermata minn Carmen Borg.

Sussegwentement hija ssejħet għal kontroeżami fit-12 ta' Novembru 2012. Sostniet li hija kienet ġabet kopja tal-istatement tagħha mingħand xi ħadd mill-GRTU. Tikkonferma li l-pulizija ma kienux tawha kopja. Silvia Gauci tgħid li qabel marru l-għassa biex jagħtu l-verżjoni tagħhom kienu inġabru u tkellmu. Tiftakar li kien hemm Paul Abela, Philip Fenech, Joe Attard u it-tfajliet. Hemmhekk kien ġie diskuss kif kienu ser jitkellmu meta jmorru l-għassa. Hija ikkonfermat dak li qalet preċedentement sa xħin infetaħ il-bieb, biss qalet li dak il-ħin malli nfetaħ il-bieb hi rat lill-Vince Farrugia mal-art u Sandro Chetcuti kien iktar il-ġewwa minn Vince Farrugia. Hi tgħid li ma riditx tigdeb dakinhar l-għassa. Issostni li rat lil Vince mal-art bid-demm, u li semgħatu jgħajjat, *"ajma, ajma"*, imma lil Sandro bilwieqfa ratu. Tgħid li hi ma ratux itih. Silvia Gauci tagħmel retraction.

L-abbli avukat tal-parte civile jissokta jgħid li Silvia Gauci f'dan iż-żmien ma kinitx għadha taħdem jew tokkupa xi kariga fil-GRTU, u allura kienet aktar libera biex titkellem. Din il-Qorti trid tanalizza sew ix-xhieda tagħha sabiex fl-ewwel lok tistabbilixxi fejn Silvia Gauci kienet qed tgħid il-verità u fejn ma kinitx. Dan mhux kompitu faċli, peress li kif diġà ddikjarat minn din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Maġistrat illum Imħallef Dr Edwina Grima fil-kawża Il-Pulizija vs Sandro

Chetcuti fit-18 ta' Settembru 2013, *"illi kif diġà ingħad aktar il fuq hemm konflitt sħiħ fil-provi prodotti..." (folio 969).*

Il-Qorti tinnota li wara r-retraction fuq mistoqsijiet ulterjuri dwar min daħal l-ewwel fil-kamra, Silvia Gauci f'dan l-istadju tgħid li mhix ċerta dwar kif ġraw l-affarijiet.

Silvia Gauci tgħid li hi daħlet u rat lil Sandro fil-ġenb viċin id-desk fuq in-naħa ta' wara u kien hemm Joe Attard u Paul Abela miegħu. Hi u t-tfajliet għenu biex iqajmu lill-Vince Farrugia, poġġewh fuq siġġu, imbagħad iktar tard ħaduh fil-kamra l-oħra sakemm ġiet l-ambulanza. Wara li ġiet l-ambulanza huma baqgħu fil-binja.

Issa hija kienet xehdet ukoll fl-isfida kontra l-Kummissarju tal-Pulizija magħmula minn Sandro Chetcuti u deċiża nhar is-17 ta' April 2015. F'din ix-xhieda din il-Qorti tinnota xi nkonsistenzi ukoll.

Dakinhar tas-27 ta' Jannar 2015 Silvia Gauci kienet sostniet li qabel marru l-għassa tal-Pulizija kienu ftehmu x'kienu se jgħidu. Silvia Gauci ssostni li bħala persuni li ltaqgħu u ftehmu x'kien se jingħad, l-ewwel tgħid li kien hemm Paul Abela u t-tfajliet (folio 90) imbagħad aktar tard fix-xhieda tagħha issemmi li kien hemm ukoll it-tifel ta' Vince Farrugia, Dr Jean Karl Farrugia (folio 101, 102). Tgħid ukoll li f'xi ħin kien ingħaqad magħhom Philip Fenech. Fix-xhieda tagħha tat-12 ta Novembru 2012 kienet semmiet li kien hemm Joseph Attard, iżda dakinhar ma kinitx semmiet lill Dr Jean Karl Fenech.

Inkonsistenza oħra tirrigwarda l-fatt li filwaqt li fit-12 ta' Novembru 2012 Silvia Gauci ssostni li malli nfetaħ il-bieb tal-uffiċċju ta' Vince Farrugia, hija rat lill Sandro fuq ġewwa u kien hemm ħdejh Paul Abela, fix-xhieda tagħha tas-17 ta' April 2015 hi ma ssemmix li ħdejn Sandro Chetcuti fil kamra kien hemm Paul Abela u Joseph Attard.

It-tielet inkonsistenza hija fir-rigward tal-involviment tagħha. Filwaqt li dakinhar tat-12 ta' Novembru 2012 Silvia Gauci tgħid li daħlet fl-uffiċċju, u saħansitra għenet sabiex jitqajjem mil-art Vince Farrugia u jitpoġġa fuq siġġu, fis-17 ta' April 2015 hi ssostni li ma daħlitx fil-kamra u ma ssemmix li għenet lill Vince Farrugia – *"lill Vince poġġewh bilqieda"* (folio 94) u *"poġġew bilqiegħda"* (folio 101).

Meta wieħed iħares lejn ix-xhieda ta' Silvia Gauci li ngħatat f'dawn il-proċeduri fit-28 ta' Jannar 2016 (folio 112) hi tixhed li hi qalet lill Pulizija li meta infetaħ il-bieb rat lil Chetcuti jagħti lill Farrugia sempliċement għax hekk kienet semathom jgħidu. Tgħid

ukoll li it-tifel ta' Vincent Farrugia, l-avukat Dr Jean Paul Farrugia kien bagħtilha messaġġ fejn qalilha biex iżżomm mal verżjoni oriġinali.

Din il-Qorti pero tinnota mill messaġġi estratti u ppreżentati minn Dr Martin Bajada u skambjata bejn Silvia Gauci u Vince Farrugia li kienet propju Gauci li riedet tkellem lill-avukat Dr Jean Paul Farrugia, u mhux bil-kontra.

Sussegwentement kienet intalbet tiġbor karta mill-GRTU li kien fiha l-verżjoni tagħha sabiex tiftakar u żżomm magħha.

Din il-Qorti tagħmel referenza għal SMS estratt mill-espert tal-Qorti (SMS 914, folio 462), fejn hemmhekk wara li b'SMS preċedenti Vince Farrugia, li kif jallega fil-verżjonijiet tiegħu kellu interess li toħroġ il-verità fil-Qorti, u mhux li jikkorrompi xi xhud, kien fakkarha li hija kienet daħlet l-uffiċċju u sabet lill-Chetcuti rasu viċin ta' dik ta' Farrugia qisu lest biex itih daqqa ta' ras, u f'għajnejn Gauci kien hemm ħarsa ta' biża, u li meta taħ hi semgħatu jgħid *"noqtlok, noqtlok",* u Gauci tirrispondih b'messaġġ *"yes, that is the truth. I will never forget it. When I came in for my mobile he was all sett to attack...".* Din il-Qorti tqis li Gauci ma kellhiex għalfejn tirrispondih b'dak il-mod u tafferma li dik kienet il-verità, kieku dak li kienet qalet fix-xhieda ma kienx minnu. Imbagħad f'SMS li Gauci bagħtet lill imputat Farrugia, (SMS 1069) tgħid *"How bad my God.* ***All the blooming kicks he gave you.*** *And he pleaded not guilty. Let me know if you need anything*."

Din il-Qorti għandha dubbji serji dwar ix-xhieda ta' Silvia Gauci. Jirriżulta li hija biddlet il-verżjoni tagħha kemm il-darba u din il-Qorti sejra timxi b'kawtela kbira fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar dak li tgħid Silvia Gauci. Ċertament li trid tevalwa bir-reqqa l-provi u xhieda l'oħra sabiex tasal għal konklużjoni jekk u liema verżjoni ta' Gauci hi korroborata, hekk kif jisħaq li għandu jsir l-abbli avukat difensur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.

Fl-indaġni tagħha dwar ix-xhieda ta' Silvia Gauci il-Qorti sejra tibda billi tqis u tanalizza x-xhieda ta' Peter Portelli, kif ukoll taż-żewġ xhieda prodotti mil-parte ċivile Adrian Buttigieg u Joseph Vella, kif ukoll dik tal-imputat Philip Fenech.

Peter Portelli xehed f'dawn il-proċeduri fil-11 ta' Diċembru 2018 u qal li kien segretarju permanenti. Isostni li kull nhar ta' Sibt kienu jiltaqgħu għal kafe u lunch fir-restorant tal-Maritime Hotel bl-isem ta' La Salita jew Al Ponte fil-Mellieħa, fejn kien ikun hemm

ukoll Silvia flimkien mat-tifel tagħha li kellu xi dizabilità. Jgħid li lill-Silvia kien jafa peress li kellha x'taqsam mal-MEUSEC u mal-GRTU, u ltaqa magħha f'ħafna laqgħat. B'referenza għal dak ikkwotat lilu minn folio 263 u 264 tal-proċess jgħid li jiftakar li darba minnhom kien hemm Silvia Gauci u Sandro Chetcuti. Dakinhar Silvia kienet bilqiegħda barra, qisu parapett, mat-tifel tagħha. Imbagħad kienet daħlet Silvia Gauci flimkien ma' Sandro Chetcuti, u damu viċin siegħa bilqegħda. Peter Portelli seta' jara lill-Chetcuti "*badgering her*" u Silvia ma tantx tkellmet, ingħalqet ġewwa fiha. Portelli jgħid li ma setax jisma' x' kien qed jingħad biss seta' jara kollox.

Mitlub jispjega x'ifisser bil-kliem *"badgering her"* jgħid li il-konverżazzjoni kienet tidher waħda aggressiva mit-tixjir tal-idejn, u għalkemm Portelli jgħid li ma setax jisma' x' kien qed jingħad, *"she was cowering her seat"*. Portelli kien inkwetat peress li l-Silvia jafha u kien qed jara li hi kienet *"at the wrong end of the conversation"*. Isostni li huwa kien jaf bil-każ li kien għaddej fil-Qorti mill-media, u kkonferma li hu kien ra *"feeling obviously very uncomfortable"*.

Portelli jikkonferma li dak il-ħin ma għamel xejn. Jgħid li mbagħad Silvia qamet u x'ħin għaddiet minn ħdejh, huwa staqsiha jekk kinitx *"ok"*, u lanqas felħet tkellmu dak il-ħin. Jgħid li kienet *"visibly shaken"* u ma kellmitux.

Portelli jsostni li xi jumejn wara kellu laqgħa l-ministeru u hemmhekk kien hemm membru tal-GRTU, Joe Attard, u staqsih kif kienet Silvia, u jekk għaddilhiex. Attard staqsieh x'kien ġara, u Peter Portelli spjega lill-Joe Attard kollox. Attard kien talab il-permess biex jirreferi din il-kwistjoni, u sussegwentement kien irċieva telefonata mingħand l-Ispettur Grech fejn informah li kienet waslitlu din l-informazzjoni, u staqsieh jekk jikkonfermaħix u Portelli kien wieġbu iva u li ma kellux problema biex jgħid dak li qed jgħid illum. Peter Portelli jsostni li jaf li sussegwentement Silvia kienet bidlet il-verżjoni tagħha fil-Qorti.

Peter Portelli kien reġa' ġie mgħajjat għal kontroeżami fl-4 ta' Frar 2019 fejn il-parte civile pprovat tattakka l-kredibilità tiegħu. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-abbli avukat tal-parte ċivile huwa jsostni li għandha titwemmen Silvia Gauci, kif ukoll Adrian Buttigieg li jiġi sid il-Maritime Hotel, u Joseph Vella l-isprejer ta' Sandro Chetcuti u mhux dan Peter Portelli.

Dan Portelli, in kontroeżami ikkonferma l-kariga li kien jokkupa u li kien għadu jokkupa u li ma kienx involut f'partit politiku, li kien imur fil-lukanda l-Mellieħa mal-

ħbieb kull nhar ta' Sibt, li ma kienx imur minħabba n-natura tax-xogħol tiegħu biex ikellem lis-sid tal-lukanda, biss jgħid li lis-sid tal-lukanda nzerta ħabib tiegħu u jafu wkoll. Huwa qatt ma ħadimlu jew ipprestalu servizzi. Ikkonferma kif jaf lil Silvia, u li wara l-inċident qatt ma reġa' ltaqa magħha.

Mistoqsi min kien hemm bħala ħbieb tiegħu dakinhar, Peter Portelli jgħid li ma jiftakarx eżatti min kienu. Semma li jkunu xi sebà, u semma xi nies li jiltaqa magħhom hemmhekk imma ġieli anke kien ma' xi wieħed biss, jew ikun hemm sid il-lukanda.

Huwa jinnega li tkellem ma' Vince Farrugia. Mistoqsi min kellmu biex jitla’ jixhed, jikkonferma li kellmuh l-avukati tad-difiża u li hu qalilhom li biex jitla’ jixhed, irid jirċievi mingħand il-pulizija. Imbagħad iżid li kellmu xi ħadd mis-CID u qallu li kellu kawża. Jgħid ukoll li għal-aħħar tas-sena 2018 kien kellmu Paul Abela u qallu biex lilu ma jkellmux, u jekk irid ikellmuh l-avukati.

Sandro Chetcuti fix-xhieda tiegħu f’dawn il-proċeduri jsostni li kien laqat il-karozza tiegħu, ċempel lill-isprejer u qallu li kien ħa jmur sa ħdejh sabiex iserraħlu rasu. Dan kien xogħol il-lukanda, u ma setax jitlaq. Għaldaqstant huwa ċempel lil sid il-lukanda Adrian Buttigieg u mar il-lukanda fejn hemmhekk ra lil-Silvia. Fil-lukanda kien hemm ukoll l-ex-permanent secretary tal-Onorevoli Mario DeMarco. Silvia kienet resqet biex tkellmu u kellha it-tifel tagħha li kellu xi diżabilità u kellimha ftit fuq it-tifel u daqshekk. Jikkalkula li dam xi għaxar minuti. Sandro Chetcuti jgħid li tkellem ftit ma' l-isprejer barra, ra l-karozza u talbu biex jeħodha l-għada stess.

Il-Qorti ovvjament tqis li l-verżjoni ta’ Sandro Chetcuti u ta’ Peter Portelli jistonaw. Barra minn hekk il-parte ċivile tressaq żewġ xhieda biex tilqa u tiskredita ix-xhieda ta’ Peter Portelli. Adrian Buttigieg li xehed f’dawn il-proċeduri fis-17 ta’ Marzu 2016, jgħid li huwa jġestixxi kafetterija fil-lukanda Maritime Hotel il-Mellieħa u ikkonferma li jaf kemm lill-Sandro Chetcuti u lill-Silvia Gauci. Xehed fuq okkażjoni fejn kien ċempillu Chetcuti jistaqsih jekk lavrant tiegħu partikolari, ċertu Joseph Vella kienx hemm u kien ġie ikellmu. Jgħid li dam xi għaxar minuti kwarta kollox, u Chetcuti kien talab lill-Adrian Buttigieg iħallih jitlaq peress li dan kien jaħdem bħala sprejer ukoll u Chetcuti riedu jisprejjalu xi ħaġa dak il-ħin stess. Joseph Vella xehed dak inhar stess u qal li huwa jaħdem bħala security fil-Maritime Hotel u jagħmel xogħol part time bħala sprejer. Hu xehed li lill- Sandro Chetcuti jafu u li f'okkażjoni minnhom Chetcuti kien mar il-lukanda għax kien laqat il-karozza u ftehmu li isewwijielu.

Din il-Qorti tinnota li la Adrian Buttigieg u lanqas Joseph Vella ma semmew il-jum li fih ġrat din il-biċċa tal-karozza ta' Sandro Chetcuti li kellha bżonn l-isprej. Huwa Sandro Chetcuti stess fix-xhieda tiegħu li jgħid li dan ġara dakinhar stess li ltaqa ma Silvia Gauci fl-okkażjoni li dwarha jixhed ukoll Peter Portelli.

Din il-Qorti fliet bir-reqqa x'xhieda ta' Peter Portelli, u partikolarment dik il-parti fejn kien xhud tal-inkontru bejn Silvia Gauci u Sandro Chetcuti, u dan fid-dawl tax-żewġ xhieda hawn fuq, imma mhux biss. Hija ikkunsidrat b'reqqa kbira dak li xehdu Silvia Gauci u Sandro Chetcuti stess dwar dan l-inkontru. Indubbjament jeżistu xi nkonsistenzi bejn dawn il-verżjonijiet.

Il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet dwar dawn ix-xhieda. L-avukat tal-parte civile waqt it-trattazzjoni orali finali jistaqsi waqt l-argument tiegħu dwar min mill persuni msemmija fil-paragrafi preċedenti għandu jiġi emmnut - għala Silvia Gauci m'għandiex tiġi emmnuta? Din il-Qorti diġà kellha l-opportunita tikkummenta dwar ix-xhieda tal-imsemmija Gauci, u dwar l-inkonsistenzi tagħha. Iżżid li jekk għal grazzja tal-argument wieħed ma jikkunsidrax ir-retraction tagħha, xorta waħda din il-Qorti tqis li l-inkonsistenzi fix-xhieda tagħha wara r-retraction idaħħlu dubbji serji lil din il-Qorti dwar il-veraċità tax-xhieda tagħha.

Dwar il-konsistenza u l-affidabbiltà tax-xhud Sandro Chetcuti, din il-Qorti tibda biex tistaqsi għala ġaladarba Chetcuti li kien marbut bl-obbligu impost fuqu b'digriet ta' din il-Qorti tal-24 ta' Marzu 2010 *"li ma tkellimx jew tavviċina la direttament u anqas indirettament lix-xhieda tal-prosekuzzjoni"*, huwa dakinhar fil-Mellieħa, kif ukoll kif imsemmi mix-xhud Silvia Gauci, f'Cafe Cordina l-Belt Valletta, għażel li jmur kontra dawn l-ordnijiet u mhux talli avviċina imma minn tal-anqas kellem lix-xhud Silvia Gauci. Din il-Qorti tqis li din is-salvagwardja li tiġi imposta fuq min jingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest, għandha l-għan mhux biss sabiex jiġi assigurat illi ma jkunx hemm intralċ dirett tal-provi, ċioé billi imputat ma jkellimx lix-xhieda bil-għan li jinfluwenzhom dwar kif għandhom jixhdu. Tali kundizzjoni tiġi imposta ukoll sabiex ma jkunx hemm ebda tip ta' intimidazzjoni li tista' sseħħ anki bis-sempliċi fatt li l-imputat ikun resaq lejn xhud fil-kawża tiegħu. Dan jista' jiġi interpretat minn dik il-persuna, anki jekk l-imputat kellu jingħata l-benefiċċju tad-dubju li ma kellimx lix-xhud Gauci fuq il-merti tal-kawża jew fuq ix-xhieda tagħha, bħala intimidazzjoni fil-konfront tax-xhud. Kienu bosta x-xhieda li xehdu li t-tfajliet kienu jibżgħu minn Chetcuti.

Magħdud ma' dan hemm il-fatt li jirriżulta *ex admissis* li l-parte ċivili Chetcuti, Meta ħass il-ħtieġa ma ddejjaqx jgħid ħaġa b'oħra, eżempju dwar il-kwistjoni tal-frameup fi kliemu stess *"sabiex iġaħġaħha"*. Din il-Qorti ukoll diversament presjeduta fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Settembru 2013 issib li dak li jgħid Chetcuti dwar il-fatt li laqtu b'subajh m'għandux mis-sewwa peress li skont il-Qorti diversament preseduta id-daqqa kienet daqqa ta' ponn b'saħħitha. Ċertament mhux kontestat il-fatt li Chetcuti għandu interess dirett dwar l-eżitu ta' dawn il-proċeduri. Din il-qorti għaldaqstant għandha d-dubji tagħha ukoll dwar ix-xhieda tal-parte ċivile Sandro Chetcuti.

Mhux l-istess jista' jingħad għax-xhud Peter Portelli, billi dan kien konsistenti tul ix-xhieda kollha tiegħu, li ngħatat b'ċerta dettall. L-unika ħaġa li kellu dubju dwarha kienet fuq mistoqsija in kontro eżami dwar min kien hemm mill-ħbieb tiegħu dakinhar meta huwa spiċċa xhud ta' dak li ġara fil-Maritime Hotel bejn Sandro Chetcuti u Silvia Gauci. Il-Qorti qieset li x-xhud Portelli mill-ewwel jiddikjara li huwa kien ikun f'dan il-Hotel kull nhar ta' Sibt, u li mhux dejjem kien ikun hemm l-istess ħbieb miegħu, u ġieli kien waħdu. Il-Qorti għaldaqstant tqis li l-fatt li ma ftakarx dakinhar min kien hemm mill-ħbieb tiegħu fuq il-post, dettalji dawn li mhumiex materjali meta wieħed jikkonsidra dak li ġara, ma jnaqqas mill-kredibilità tax-xhud, persuna f'pożizzjoni għolja fis-servizz ċivili, ċioé dik ta' segretarju permanenti fil-ministeru imsemmi fix-xhieda tiegħu, li ma għandux jitħallat mal-kariga ta' segretarju personali tal-ministru. Huwa ma għandux jiġi meqjus li għandu xi influwenzi esterni jew xi interess f'dawn il-proċeduri. Għaldaqstant din il-Qorti ma tiddubitax mix-xhieda tiegħu.

F'dan l-istadju magħdud dan kollu din il-Qorti ma tistgħax ma tistaqsix dwar id-dubbji tagħha - tgħid l-ipoteżi ta' Farrugia dwar il-biża ta' ntralċ ta' provi kif tirriżulta mill-SMS estratt mill-espert tal-Qorti numru 888 folio 512, kienet waħda reali u li wasslet għal battalja biex fil-Qorti toħroġ il-verità? U tistaqsi l-Qorti, tgħid fil-verità x'wassal għar-retraction ta' Silvia Gauci? Dawn huma kollha dubbji li jqumu f'dan il-proċess.

Din il-Qorti kif preseduta ma kellhiex l-opportunità tisma' u tevalwa ix-xhieda *viva voċe* u tara b'għajnejha il-komportament ta' dawn ix-xhieda. Biss mid-domandi u r-risposti kif traskritti din il-Qorti wisq tibża' li imsemmija xhieda setgħu beżgħu, u ma qalux dak kollu li raw. Dan qed jingħad partikolarment għax-xhieda ta' Dianne Scerri, Silvia Gauci u Carmen Borg.

Tkompli din il-Qorti għal-kompletezza tal-ġudizzju biex teżamina l-provi kollha. Diane Scerri fil verzjoni li tat lill-Pulizija tgħid li Sandro Chetcuti kien qed jistenna biex jidħol ikellem lil Vince Farrugia. Malli spiċċa l-meeting u ħarġu Paul Abela, Silvio Gauci u Gordon Cordina, daħal Sandro Chetcuti. Hija kienet fir-reception meta semgħet xi għajjat ta' Vince Farrugia u Sandro Chetcuti. Semgħet ukoll lil Marcella u lil Carmen jgħajjtu, imbagħad hi tgħid li ħareġ Vince Farrugia u Marcella kienet qed timsaħlu id-demm minn mal-qmis ġlekk u ngravata, u Vince Farrugia kien jidher stordut. Tgħid li dak il-ħin Sandro Chetcuti kien għadu fil-kamra u beda jgħid lil Vince *"noqtlok, noqtlok"* u *"nġib lil ħija".* Tgħid li kien Joseph Attard li ħareġ lil Sandro Chetcuti il-barra. Bażikament hija tirrepeti din il-verżjoni waqt ix-xhieda tagħha tal-24 ta' Marzu 2010.

Philip Fenech jgħid li għall-ħabta ta' nofsinhar tal-11 ta' Marzu 2010 sema' għajjat u storbju kbir u ħoss ta' qiesu xi ħadd jaqa' mal-art, mar jiġri u ra lil Joseph Attard dieħel ġol-boardroom. Jgħid li t-tfajliet kienu qed iwerżqu. Jgħid li kif ra li l-affarijiet kienu serji qal li s-segretarja li kien ħa jmur lejn il-Palazz biex iġib l-għajnuna tal-Pulizija. Hekk għamel, fejn suldat qallu li ma setgħax jgħinu u taħ in-numru tal-control room tal-Pulizija, u dan informahom li xi ħadd kien qed jaggredixxi lid-direttur ġenerali tal-GRTU. Hu u sejjer lura ra lill-Sandro Chetcuti tiela bil-mobajl f'idejh ikellem lil xi ħadd fuq il-mobajl. Kellu wiċċu abjad u deher konfuż. Jgħid li ra ħafna demm mal-art fil-boardroom u Vince Farrugia kien qiegħed fuq armchair bid-demm nieżel ma' wiċċu u għajnu x-xellugija kienet minfuħa, kellu nifsu maqtugħ u beda jbati biex jitkellem.

Fix-xhieda tiegħu tal-24 ta' Marzu 2010 huwa, filwaqt li jirrepeti l-verżjoni li ta' lill-Pulizija, iżid li fejn kien qed jistenna ma' Paul Abela resqet Carmen qaltilhom li kien hemm xi ġlied fl-uffiċċju ta' Vince Farrugia.

Din il-Qorti rat ukoll ix-xhieda in kontroeżami ta' Philip Fenech tal-25 ta' Ġunju 2012. Philip Fenech jiġi mistoqsi dwar messaġġi li rċieva u li bagħat lill-Vince Farrugia. Mistoqsi huwa jsostni li parti minn xogħlu fil-GRTU kien li jikkoordina l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Pulizija. Jgħid li huwa kien ħa ħsieb li jieħu l-istaff u anke l-President tal-GRTU biex tittiħdilhom il-verżjoni tagħhom mil-Pulizija.

Philip Fenech jiġi kkonfrontat, fost messaġġi oħra li m'humiex relevanti għal akkużi f'dan il-każ, b'messaġġ fejn jgħid lill-Vince Farrugia *"the AC told me they are very strong and credible now, I hope the doctors report is too. I will guide them what to be*

*careful for when testifying and Manuel's ways".* Mistoqsi x'ried jgħid b'dak il-messaġġ Philip Fenech jgħid li l-istaff tal-GRTU involut f'dan il-każ kienu żgħar, ma kellhomx esperjenza, u kellu jiggwidhom dwar kif taħdem il-Qorti, u x'kien ix-xogħol tal-avukat. Kellu jiggwidhom biex imorru b'stampa ċara u biex ma jitfixklux. Mistoqsi jekk kellux jiggwida ukoll lix-xhud Joseph Attard, huwa jgħid li dak ma kellux bżonn ta' gwida.

Jgħid ukoll li ċerta affarijiet huwa jgħidhom lill Vince Farrugia sabiex iserraħlu rasu. Dan jikkonfermah fir-rieżami tiegħu tat-12 ta' Novembru 2012. Dakinhar huwa jiġi mistoqsi dwar SMS u telephone calls illi saru kemm qabel l-inċident kif ukoll wara. Ma hemmx dubbju li dawn il-messaġġi jikxfu biċ-ċar l-animożita li kienet teżisti bejn Vince Farrugia, u anke bejnu u Sandro Chetcuti. Philip Fenech baqa' jsostni li huwa bħala persuna addetta għal *"ploice affairs fil-GRTU"* li kien għamel kien intiż biex jikkordina sabiex jinġiebu l-provi kollha. Jikkonferma li kien ċempel bħala follow up lill Assistent Kummissarju biex jara jekk kellux bżonn xi ħaġa oħra dwar il-każ.

Sussegwentement fix-xhieda tiegħu f'din il-kawża tat-3 ta' Ottubru 2017 Fenech jerġa jiddeskrivi l-inċident. Iżid li qabel ġara l-inċident huwa kien qiegħed jitkellem ma Paul Abela u jiddeskrivi ukoll il-pjan tal GRTU.

Philip Fenech jgħid li kif tidħol fil-binja tal-GRTU għandek sala, imbagħad reception area, imbagħad l-uffiċċju u ġewwa hemm il-Boardroom kif ukoll l-uffiċċju ta' l-imputat Vince Farrugia. Il-Boardroom u l-uffiċċju ta' l-imputat Vince Farrugia huma l-istess kamra u qegħdin fuq ġewwa nett.

Imbagħad jerġa jiddeskrivi li mar lejn il-Palazz, u x'ġara meta wasal lura l-GRTU.

Kif wasal il-GRTU kien hemm it-tfajliet u qalulu biex jagħlqu l-bieb ta' barra l-kbir għax Chetcuti qal li ħa jġib lil ħuh. Huwa għenhom jagħlqu l-bieb, imbagħad daħal il-ġewwa. Hemmhekk jien sibt demm mal-ħajt, u it-tfajliet kellhom in-napkins, u Farrugia kellu għajnejh imdendla, wiċċu kollu demm, u kienu qed inaddfulu d-demm bin-napkins. Kellu nifsu maqtugħ, u hu dak il-ħin immaġina li kellu xi heart attack.

Jgħid li issa dak il-ħin kien hemm biss in-nies tal-GRTU, imbagħad ħabbat il-bieb u mar jiċċekkja mit-tieqa min kien qed iħabbat, u kienu l-pulizija. Dak il-ħin kulħadd kien aġitat. Kif daħal lill-pulizija u ra lill-Vince Chetcuti, qalilhom dan mhux t'hawn u li kien ħa jċempel malajr ambulanza. Fenech jgħid li ried iċempel hu imma l-pulizija qallu

li jkun aħjar jekk il-call issir mil-pulizija għax l-ambulanza tiġi iktar malajr. Imbagħad ġew tal-ambulanza.

Philip Fenech ippreżenta żewġ ritratti ta' kif kien Farrugia dak il-ħin li ġew tal-ambulanza li ġew immarkati bħala PF1, folio 358 tal-proċess.

Philip Fenech jgħid li ħass li din kienet xi ħaġa serja, peress li l-istaff qalulu li Chetcuti qal li se jerġa' jiġi ma' ħuh, u inzerta jaf lil ħuh bħala bouncer f'Paceville – jiddeskrivih bħala muscled boy, għaldaqstant ċempel direttament lill-Kummissarju tal-Pulizija. Huwa spjega li xogħolu fil-GRTU kien jieħu ħsieb il-Police Affairs, permessi u affarijiet hekk. Ftit wara kien ċempillu l-Assistent Kummissarju Neville Aquilina u dan talbu biex kull min ra jew sema' xi ħaġa jmur l-għassa tal-belt. B'hekk huwa qal lill kulħadd biex imur l-għassa tal-belt. Hemmhekk poġġewhom ġo kamra u l-Pulizija ppruvaw jeħdulhom il-verżjoni biex toħroġ stampa ta' x'ġara, u sussegwentement ħadulhom il-verżjoni wieħed, wieħed. Aktar tard marru jaraw lil Farrugia l-isptar. Kienu għamlulu l-istitches sakemm kien ħdejh, u Vince Farrugia kien qed jilmenta li kellu uġiegħ ma' ġismu, u kien stordut.

B'referenza għal dak li qalet Silvia Gauci, Fenech jgħid li jiftakar li qabel ma kellhom jixhdu, l-avukat kien qalilhom biex jiġbru l-istatement sabiex jirrinfreskaw dak li kienu qalu huma stess. Jiftakar li kienu slips żgħar. Jiftakar li s-segretarja kellha ttihom individwalment u Fenech kien ivverifika li kien hemm ta' kulħadd. Muri l-okkorrenza folio 50 sa 52 tal-proċess, huwa jikkonferma li dawn kienu l-istatements li kien qed jirreferi għalihom.

Mistoqsi jekk hu kellimx lil xi ħadd dwar kif għandu jixhed, l-imputat Fenech jinnega assolutament.

Philip Fenech kien ġie mitkellem mil-Pulizija fis-6 ta' Mejju 2014, u l-ispettur James Grech kien ħadlu statement fejn saret referenza għal diversi SMS li kien bagħtlu l-imputat Farrugia u r-risposti li kien bagħat Philip Fenech stess lura. Fenech jsostni li Farrugia kien qed ibati minn ansjetà, panic, post trawma jew xi ħaġa hekk u kien qed iċempel u jibgħat messaġġi sforz il-biża li Chetcuti iwerwer lin-nies biex ma jixhdux dak li raw. Hu kien jipprova jikkalma lil Farrugia. Farrugia kien affettwat u ma kienx koerenti, u dwar dawn l-affarijiet kien *"blowing out of proportion"*. Philip Fenech kien jipprova jikkalmah u jtih *"an element of comfort, dont worry speċi"*. Kien jagħmel dan kemm permezz ta' SMS u anki meta jiltaqa' miegħu. Hu kien imur iżuru d-dar u Farrugia

kien baqa' jilmenta b'uġigħ f'sidru. Fuq mistoqsija jikkonferma li kien hemm iktar SMS li kien jibgħatlu Farrugia, milli kien jibgħat hu lil Farrugia.

Philip Fenech spjega li wara dan l-inċident, fejn qabel fil-GRTU kont taqbad u tidħol u ssib ir-reception, ittieħdu security measures, ġie installat security door u anki hu kien ifittex securities li kienu b'saħħithom, u dan sforz il-biża anke mill-istaff. Lil Farrugia kont ngħidlu li fl-uffiċċju seta' jserraħ rasu minħabba li kien hemm is-security.

Mistoqsi dwar kif kien jara lil-Farrugia, jgħid li hu kien fraġli ħafna psikoloġikament, u kien hemm żmien fejn kien ħaseb li *"he was loosing it"*.

Joseph Attard fir-rapport lill-Pulizija jgħid li sema' kommozzjoni qawwija ġejja mill-uffiċċju ta' Vince Farrugia, qam minn postu u malli daħal sab lil Marcella Agius tissielet biex tiġbed lil Sandro Chetcuti minn fuq Vince Farrugia li kien wiċċu l-isfel mal-art u kellu id-demm ħiereġ minn taħt wiċċu. Jgħid li ġibed lil Sandro Chetcuti minn fuq Vince Farrugia u flimkien ma' Paul Abela u Silvia Gauci ġibduh il-barra mill-uffiċċju. Jgħid li Sandro Chetcuti beda jgħajjat *"noqtlok"* u *"niġi jien u ħija u noqtlok"*. Jgħid li flimkien ma Paul Abela komplew jissieltu ma' Sandro Chetcuti biex joħorġuh il-barra mill-GRTU.

Waqt ix-xhieda tiegħu tal-24 ta' Marzu 2010 huwa jirrepeti l-verżjoni li ta' lill-Pulizija dakinhar tal-inċident u jżid pero li hu kien għen lill Vince Farrugia jqum minn mal-art qabel għen lill Paul Abela li kien diġà qed iżomm lill Sandro Chetcuti. Iżid pero dak li ġara qabel l-inċident ċioé li meta Sandro Chetcuti kien qiegħed jistenna il-meeting jispiċċa, kien talab lill-Sandro Chetcuti biex imur jieħu kafè miegħu. Waqt li kienu qed jieħdu l-kafè huma tkellmu fuq ir-raġuni għala Sandro Chetcuti kien qiegħed hemmhekk, ċioé minħabba l-messaġġ li kien bagħat jew li kien irċieva Vince Farrugia, u Joseph Attard ipprova jipperswadih biex ma jmurx lura ikellem lil Vince Farrugia. Sandro Chetcuti insista. Fost il-kliem li ntqal waqt li kienu qed jieħdu kafè Sandro Chetcuti li kien pjuttost irrabjat qallu *"jekk iqabbieżieli jkolli nerfa idejja"*. Mistoqsi dwar ir-raġuni għala ma kienx semma din il-ġrajja lill-Pulizija, waqt ix-xhieda tiegħu Joseph Attard jgħid li il-Pulizija kien staqsih dwar dak li ġara dak il-ħin u mhux qabel. Mistoqsi dwar ir-raġuni għala talbu biex imur jieħu kafè miegħu, Joseph Attard jgħid li Sandro Chetcuti kien ilu xi nofs siegħa l-uffiċċju u kien jidher li kien aġitat. Jgħid li fil-ħanut kien hemm Marcella Agius ma' ommha iżda din imbagħad telqet.

Fit-12 ta' Novembru 2012 mistoqsi in kontroeżami jekk kienx tkellem ma' Philip Fenech qabel l-ewwel xhieda tiegħu jiġifieri dik tal-24 ta' Marzu 2010 filwaqt li jgħid illi huma kienu jitkellmu ta' spiss fuq xogħol darbtejn jew tliet darbiet kuljum, ma jeskludix li tkellmu. Huwa jinnega li qabel marru l-għassa dakinhar tal-inċident iltaqgħu u tkellmu fuq il-każ.

Dan jikkuntrasta ferm ma' dak li tgħid Silvia Gauci, fejn in kontro eżami fit-12 ta' Novembru 2012 tgħid illi qabel marru l-għassa huma ltaqgħu u ddiskutew x'għandu jingħad li ġara, u kien hemm Paul Abela, Philip Fenech, Joe Attard u it-tfajliet. Dan ifisser li jew Silvia Gauci jew Joe Attard mhux qed jgħidu s-sewwa. Issa dwar din il-kwistjoni ta' min kien hemm preżenti waqt dan l-allegat inkontru, li skont iċ-ċirkostanzi kif seħħew bilfors kien inkontru qasir, fis-27 ta' Jannar 2015 Silvia Gauci terġa tbiddel il-verżjoni darbtejn billi l-ewwel tgħid li kien hemm Paul Abela u t-tfajliet u kien ingħaqad magħhom ukoll Philip Fenech. Hija ma ssemmix lill-Joe Attard. Iktar tard fix-xhieda tagħha tgħid li kien hemm ukoll preżenti Dr Jean Karl Fenech.

Sussegwentement Joseph Attard xehed fl-24 ta' Novembru 2016 f'dawn il-proċeduri u qal li fil-11 ta' Marzu 2010 kien jokkupa l-kariga ta' kap eżekuttiv ta' Green MT li hija sussidjarja tal-GRTU. Huwa ikkonferma ix-xhieda li ta fl-24 ta' Marzu ta' dik is-sena. Attard kellu diffikultà biex jiftakar x'kien ġara sitt (6) snin wara.

Ftakar li kien hemm għajjat ġej mill-kamra ta' ġewwa fejn ikun l-imputat Vince Farrugia u li dak il-ħin kien hemm fil-kamra Sandro Chetcuti. Kienu waħedhom, hu kien xi sitt metri l-bogħod. Minn fejn kien seta' jara l-bieb li kien tal-ħġieġ pero mhux trasparenti sewwa, u xħin infetaħ ra lill- Chetcuti jagħti daqqa ta' ponn lill-Farrugia, u dan waqa' mal-art. Marcella li kienet quddiemu u hu għenuh iqum. Daħal ukoll Paul Abela. Wara li għen lill-Farrugia iqum minn mal-art u poġġewh fuq siġġu, flimkien ma' Paul Abela, ġibdu lill-Sandro Chetcuti il-barra mill-kamra. Hu u ħiereġ il barra, Chetcuti beda jgħajjat lil Farrugia *"noqtlok, noqtlok"*. Chetcuti induna li ħalla iċ ċwievet ġewwa, daħal miegħu biex iġib iċ-ċwievet u reġgħu ħarġu, u baqa' ma Chetcuti sakemm waslu pjazza San Gorg, biex ikun ċert li Chetcuti telaq żgur.

Wara li nqralu dak li qal Farrugia waqt ix-xhieda tiegħu folio 66 u 67 tal-atti proċesswali tal-kawża Il-Pulizija v Sandro Chetcuti, Joe Attard ikkonferma li ra daqqa ta' ponn waħda.

Għal dak li xehed Philip Fenech folio 100 tal-proċess, Attard jgħid li Philip Fenech dak il-ħin tal-inċident kif issemma hawn fuq ma kienx hemm. Jgħid li lill-Philip Fenech rah hu u ħiereġ ma Chetcuti ġej mid-direzzjoni ta' Pjazza San Ġorġ bit-telefon ma' widnejh.

In kontroeżami Joe Attard jikkonferma li d-daqqa ta' ponn, kienet daqqa ta' ponn soda, u tagħha dritta ġo għajnejn Farrugia. Jgħid ukoll in rieżami li ma ra lill-ħadd jagħti bis-sieq. Attard reġa' ittella għal-kontroeżami fid-29 ta' Marzu 2017, fejn fuq mistoqsija tad-difiża huwa qal li huwa jikkonferma dak li kien xehed fl-24 ta' Marzu 2010.

Ta' ċerta mportanza hija l-verżjoni ta' Marcella Agius. Marcella Agius kienet qalet lill-Ispettur li kellha l-iskrivanija faċċata tal-uffiċċju ta' Vince Farrugia, semgħet l-għajjat u peress li l-bieb tal-uffiċċju ta' Farrugia kien tal-ħġieġ matt setgħet tara lill Chetcuti ħiereġ mill uffiċju. Kif kien ħiereġ fetaħ il-bieb, dar lura, u Sandro Chetcuti beda jgħajjat ma' Vince Farrugia, u semgħet ħoss ta' xi ħadd jaqa mal-art, u rat lill-Farrugia mal-art. Qalet li marret tgħin lill-Paul Abela jżomm lill-Chetcuti u bdiet tgħidlu biex jikkalma iżda Chetcuti ma kkalkulaħhiex. Imbagħad ġie Joseph Attard u hi kompliet tgħin lill-Vince Farrugia. Hija bdiet tgħid lil Vince Farrugia biex jibqa' mal-art, iżda dan beda jibża' li Sandro Chetcuti jerġa' jiġi għalih. Imbagħad Sandro Chetcuti nħareġ, u huma baqgħu jistennew ambulanza ma Vince Farrugia.

Fix-xhieda tagħha tal-24 ta' Marzu 2010, hija tirrepeti l-verżjoni li tniżżlet fir-rapport tal-Pulizija. Iżżid pero' dak li ġara qabel l-inċident, ċioé li hija ħarġet għal break f'xi l-11.30 u ltaqgħet ma ommha għal kafè fil-ħanut biswit il-GRTU. Kienu daħlu Joseph Attard u Sandro Chetcuti jieħdu kafè, u peress li kien għaddielha il-ħin tal-brejk hija daħlet lura x-xogħol.

Imbagħad ġew lura Joseph Attard u Sandro Chetcuti, u Sandro daħal ħdejn Vince Farrugia. Ħin minnhom bdiet tisma' għajjat ġej mill-uffiċċju ta' Vince Farrugia. Hija rat persuni ħerġin il-barra imma ma setgħetx tara sew għax il-bieb kien matt, infetaħ il-bieb u ħareġ Sandro Chetcuti. Hija semgħet lil Vince Farrugia jgħid lil-Chetcuti *"itlaq il-barra"*. Hija rat lil Sandro idur, ingħalaq il-bieb u semgħet ħoss kbir. Tgħid li hija taret minn fuq id-desk tagħha, imbuttat il-bieb, u kienet se taqa' f'saqajn Vince Farrugia li kien mal-art. Hija tgħid li ntefgħet fuq Sandro Chetcuti u bdiet tgħidlu biex jikkalma, u bdiet tħares f'għajnejh. Hi tgħid fi kliema stess: *"b'saqajh ma nafx x'kien qed jagħmel, dak il-ħin bdejt inħares fissa f'għajnejh"*.

Tgħid li Vince Farrugia kien isfar mewt u bdiet tipprova tpoġġih mal-art iżda hu ma riedx u qalla li kien qed jibża' li jekk ikun mal-art jerġa' jaqbad itih. Tgħid li Sandro Chetcuti kien għadu fil-kamra imma kien hemm Paul Abela u Joseph Attard iżommuh. Tikkonferma wkoll li Sandro Chetcuti beda jgħid lil Vince *"noqtlok, noqtlok"* waqt li kien fil-kamra l-oħra barra l-uffiċċju ta' Vince Farrugia. Tgħid li qallu *wkoll "niġi ma' ħija jekk mhux illum darb'oħra niġi ma ħija".* Fil-kontro eżami Marcella Agius ikkonfermat li Paul Abela daħal ftit sekondi warajha. Fuq mistoqsija jekk meta daħlet hi kienx hemm xi ħadd jagħti daqqiet, tgħid li malli fetħet il-bieb taret fuq Sandro Chetcuti.

Din il-Qorti osservat li dak li jixhed dwaru Joe Attard dwar dak li ġara qabel il-laqgħa li kellu Sandro Chetcuti ma Vince Farrugia għandu mis-sewwa. Il-Qorti ma ssibx raġuni għala ma għandiex temmen u tistrieħ fuq ix-xhieda ta' Joseph Attard. L-istess jista jingħad fil konfront ta' Marcella Agius. Il-verżjonijiet ta' dawn iż-żewġ xhieda kienet waħda konsistenti.

Għalkemm din il-Qorti m'għandiex mezz biex tikkonferma dak li qalu lill-xulxin waqt li kienu qed jieħdu kafè dakinhar tal-inċident fil-kafetterija biswit il-GRTU, pero l-fatt li marru jieħdu kafè huwa kkonfermat minn żewġ xhieda oħra, ċioé Marcella Agius u Sandro Chetcuti stess. Il-Qorti tagħmel referenza għax-xhieda ta' Marcel Mizzi tal-21 ta' April 2016 fejn jiddeskrivi lill- Sandro Chetcuti bħala "larger than life", jiġifieri jekk huwa jkun irid xi ħaġa diffiċli biex tgħidlu le għax kien insistenti ħafna hu ma jistħix jgħidlek, u jekk ma jiħux dak li jrid isir aggressiv, filwaqt li Mario Debono li xehed fl-istess ġurnata jsemmi inċident li kellu ma Chetcuti fejn dan kien qabdu minn għonqu u heddu li kien se jifqalu wiċċu bi vjolenza, avolja kellu relazzjoni tajba ma Chetcuti, u kellhom iwaqqfuh in-nies tal-kunsill biex ikkalma.

**Ikkunsidrat**

Il-fatt li Vince Farrugia waqa mal-art huwa kkonfermat mix-xhieda kollha. Dan ġara waqt li Sandro Chetcuti u Vincent Farrugia kienu ħerġin il-barra mill-boardroom fil-ħin li Sandro Chetcuti fetaħ il-bieb, dar lura fuq Vince Farrugia xejjer idu u laqat lill Vince Farrugia. Issa, ma hemmx dubbju li Vince Farrugia qala daqqa soda li minn tal-anqas tilfet il-bilanċ ta' Farrugia. Vince Farrugia kellu bżonn l-għajnuna biex iqum minn din

id-daqqa li kaġun tagħha spiċċa mal-art, u kellu ukoll jitpoġġa fuq siġġu bilqiegħda biex jirkupra. Ix-xhieda kollha jaqblu dwar il-fatt li Sandro Chetcuti baqa' jhedded lill Vince Farrugia li se joqtlu u anke ssemma li kien se jġib lill ħuh. Dan ġara wara li Vince Farrugia spiċċa mal art. Ħadt mix-xhieda ma jgħid li f'dan l-istadju wara li waqa mal-art, u ġie mgħejun biex iqum, Vince Farrugia b'xi mod ipprovokax lill Sandro Chetcuti. Biss dan kompla fl-aġir tiegħu kif imsemmi fil-konfront ta' Vince Farrugia, tant li kellu jinħareġ il-barra. It-theddid fil-konfront ta' Farrugia jikkonfermah Sandro Chetcuti stess, li pero jallega li dan sar peress li huwa ħass li Vince Farrugia kien qed jixxena.

Din il-Qorti, fl-ewwel lok mingħajr għal mument ma tidhol fil-kwistjoni ta' jekk kienx hemm daqqa waħda jew aktar, ma tistgħax tinterpreta l-aġir ta Vince Farrugia kif deskritt minn Chetcuti bħala xenata. Din il-Qorti rat ir-ritratti tal-ġrieħi li ġarrab Vince Farrugia, u ċertament kull reazzjoni li seta' kellu Vince Farrugia, ma tistax tiġi interpretata bħala xenata kif allega li nterpreta Sandro Chetcuti. Fit-tieni lok, l-fatt li fl-istat li kien Vince Farrugia, Sandro Chetcuti xorta ssokta bl-imsemmi theddid, hu prova ċara li Sandro Chetcuti kien aggressiv u baqa' aggressiv anke wara li Vince Farrugia spicca mal-art kawża tad-daqqa, possibilment daqqiet, li qala. Illi għaldaqstant din il-Qorti tqis li l-intervent ta' Paul Abela, Marcella Agius u Joe Attard fuq Sandro Chetcuti sabiex firduh minn ma Vince Farrugia kien bżonnjuż u ġustifikat. Chetcuti stess jammetti li waqt l-inċident kellu dadieha u li anke wara li ħarġu minn ġol uffiċju ta' Farrugia u kien qiegħed bil-qiegħda Chetcuti kompla jinsulta u jhedded lill Farrugia.

Għaldaqstant din il-Qorti m'għandiex għalfejn tiddubita minn dan il-fatt u mix-xhieda ta' Paul Abela dwar din il-parti tal-inċident.

Mix-xhieda analizzata hawn fuq, jirriżulta li kien hemm perjodu ta' ħin qasir fejn Sandro Chetcuti wara l-ewwel daqqa bl-idejn lill-Vince Farrugia ingħalaq il-bieb peress li dan kien bil-molla, u kien waħdu ma Farrugia. Vince Farrugia jgħid li kompla jtih bil-ponn u bis-sieq. Kienet Marcella li fetħet il-bieb u taret fuq Chetcuti biex iżżommu. Din il-Qorti allura tikkonkludi li Chetcuti kien għadu qed iħebb għal Farrugia. Sussegwentement daħal Paul Abela. Bħala ħin mid-daqqa sa ma daħal Paul Abela fl-uffiċju ta' Farrugia, wieħed irid jikkalkula li Carmen Borg malli taħ id-daqqa telqet tiġri tgħajjat lill Paul Abela li kien fil-kamra ta' barra, xi għaxar metri l-bogħod mill-uffiċju u dan mar jiġri fil-kamra. Sa dan it-tant jista jkun li nies li kienu preżenti bħal Silvia Gauci u Joe Attard kellhom viżjoni mill-bogħod ta' xbiegħat minn wara l-ħġieġ matt.

Paul Abela baqa' jsostni tul il-verżjoni tiegħu ta' kif ġraw l-affarijiet li Sandro Chetcuti ta' bil-ponn kif ukoll bis-sieq. Wieħed ma jridx jinsa li kien Chetcuti biss li kwantifikat approssimament kemm il-daqqa ngħatat. Għal dak li għandu x'jaqsam ma Paul Abela, u din it-tieni imputazzjoni daqqa waħda bil-ponn u oħra bis-sieq biżżejjed biex jiġi affermat li ma xehedx il-falz. Malli daħal Paul Abela kellu jintervjeni biex jgħin lill-Marċella iwaqqfu l-aggressjoni ta' Chetcuti fuq Farrugia. Il-Qorti tinnota li dak li tgħid Marcella meta mistoqsija hu li ma tafx x'kien qed jagħmel Chetcuti b'saqajh għax bdiet tħares fiss f'għajnejh. Abela jgħid li Sandro Chetcuti ma kkalkulaħħiex lill Marċella, u anke juża l-kelma "tajjarha".

Ikkunsidrat li Joe Attard sostna li ma rax lill Chetcuti jagħti bis-sieq lill Farrugia, biss mix-xhieda jirriżulta li Attard daħal wara Paul Abela u ħa post Marcella biex jiġi miżmum Sandro Chetcuti. Dan ifisser li kien hemm bżonn intervent biex Chetcuti jiġi mifrud minn ma Vince Farrugia. Qieset ukoll illi mix-xhieda prodotta f'dawn il-proċeduri jirriżulta li din ma kinitx l-ewwel darba li Chetcuti tilef il-kontroll.

Mix-xhieda analizzata din il-Qorti ma tistgħax teskludi la li Paul Abela ra lill Chetcuti jxejjer saqajh fid-direzzjoni ta' Farrugia, u lanqas li Chetcuti kellu jinżamm sabiex ma jinġurjax ulterjorment lill Farrugia.

**(iv) L-Intenzjoni Kriminali**

Sabiex ikun hemm id-delitt ta' kalunnja, sperġur, jew ġurament falz l-prosekuzzjoni trid tipprova l-element intenzjonali konsistenti fil-konsapevolezza fix-xhud tal-falsità jew tal-ħabi tal-verità. Għalhekk żbalji fix-xhieda ma jwasslux għal dan id-delitt.

Ġaladarba din il-Qorti ma tqisx li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-element tal-falsità, din il-Qorti m'għandiex għalfejn telabora fuq l-element tal-intenzjoni ta' Paul Abela.

**Għar-raġunijiet kif esposti hawn fuq din il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-imputat Paul Abela huwa ħati ta' din l-imputazzjoni u konsegwentement din il-Qorti se tkun qed tilliberah minn din it-tieni imputazzjoni.**

4. **L-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputati Vincent Farrugia, Paul Abela u Philip Fenech talli bejn il-11 ta' Marzu 2010 u s-26 ta' Lulju 2010 f'dawn il-Gżejjer, b-diversi atti magħmulin minnkom, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:** 1. ikkorrompejtu u / jew attentajtu tikkorrompu xhud, perit jew xi interpretu, sabiex jagħti xhieda falza, jew jagħmel perizja falza, jew jagħti tifsir falz, fi proċeduri kriminali;

Din l-imputazzjoni hija bbażata fuq l-ewwel żewġ paragrafi tal-artikolu 102 tal-Kapitolu 9 li jgħidu hekk:

*"102. Kull min, fi proċeduri ċivili jew kriminali, jikkorrompi xhud, perit jew xi interpretu, sabiex jagħti xiehda falza, jew jagħmel perizja falza jew jagħti tifsir falz, jeħel, meta jinsab ħati –*

*(a) jekk ix-xiehda jew il-perizja falza jew it-tifsir falz ikunu ġew mogħtija, il-piena li għaliha hija suġġetta persuna li tagħti xiehda falza;*

*(b) meta jkun hemm biss attentat ta' korruzzjoni ta' xhud, perit jew interpretu, l-istess piena mnaqqsa grad jew żewġ gradi;"*

Il-perm tal-ewwel akkuża huwa propju l-intervent li seta' sar mill-imputati u li setgħa wassal jew ma wassalx sabiex dawk li xehdu bidlu l-verżjoni tagħhom billi żiedu ċirkustanzi li huma ma kienux raw jew semgħu *di persona*. Għaldaqstant sabiex l-ewwel akkuża tirnexxi, il-prosekuzzjoni trid tipprova sal-grad rikjest mil-liġi penali, jiġifieri sal-grad il-hinn mid-dubbju dettat mir-raġuni, li l-imputati Paul Abela u Philip Fenech eżerċitaw xi nfluwenza fuq xi xhieda sabiex jixhdu l-falz. Dan seta' sar jew fil ħin qabel ittiħditilhom il-verżjoni mil-Pulizija jew wara.

Din il-Qorti m'għandiex dubbju dwar il-fatt li saret kommunikazzjoni bejn il-co-imputati (inkluż ovvjament Vincent Farrugia li l-Qorti se tkun qed tastjeni milli tikkonsidra l-ħtija o meno tiegħu stante l-estinzjoni tal-akkużi). Dan joħroġ ċar mill l-estrazzjoni tal-SMSs mill espert maħtur mill-Qorti Dr Martin Bajada fil-kawża kontra Sandro Chetcuti. Li trid tara l-Qorti hu jekk inġiebux dawk il-provi ta' xi skambju ta messaġġi, jew kommunikazzjoni oħra bejn iż-żewġ imputati Paul Abela u Philip Fenech u xhieda fil-kawża kriminali kontra Sandro Chetcuti.

Din il-Qorti trid tara ukoll jekk kienx hemm xhieda falza biss din mhix rekwiżit għas-suċċess ta' din l-ewwel imputazzjoni u dan peress li din l-ewwel imputazzjoni tissussisti kemm jekk ix-xhieda jiġu korrotti, kif ukoll jekk ikun hemm tentattiv ta' korruzjoni.

Jekk jirriżulta li terzi xehdu l-falz din il-Qorti trid tara jekk din ix-xhieda falza kienitx riżultat ta' l-intervent ta' Paul Abela u/jew Philip Fenech, u allura jekk kienux l-atturi ta' korruzzjoni.

B' referenza għal kawża kriminali kontra Sandro Chetcuti, il-fatt li l-istess Chetcuti ġie liberat mill akkużi dwar ġrieħi gravi, mhux bilfors ifisser li kien hemm xhieda kontrastanti, li twassal għal konklużjoni li ingħatat xhieda falza minħabba li x-xhieda ġew korrotti mill-imputati biex jagħtu xhieda falza.

Ix-xhud ewlieni tal-prosekuzzjoni dwar din l-akkuża hija Silvia Gauci. Jingħad li l-SMS estratti mill-espert Dr Martin Bajada l-iktar li kienu utli għal prosekuzzjoni kien fir-rigward tal-proċeduri kontra Vince Farrugia, liema proċeduri se jkunu dikjarati estinti minħabba l-mewt tiegħu.

Il-Qorti rat l-istqarrija rilaxxata minn Paul Abela fis-6 ta' Mejju 2014. F'din l-istqarrija Paul Abela jiċħad kategorikament li kien hemm xi ftehim sabiex xi ħadd jixhed il-falz, u jsostni li dak li qalet Silvia Gauci qalitu wara li ltaqat ma Sandro Chetcuti fir-restorant tal-Hotel il-Mellieħa, liema inkontru ġie kkonfermat fix-xhieda ta' Peter Portelli msemmija preċedentement.

Ikkonfrontat b'xi messaġġi li kienu ġew skambjata ma Vince Farrugia, jgħid li hu ma tkellimx ma Vince Farrugia qabel ġew l-għassa dak inhar tal inċident. Jgħid ukoll li ma kellem lill ħadt u li ma kellu nteress f'ħadt minnhom.

Philip Fenech fl-istatement tiegħu tas-6 ta' Mejju 2014 jinnega li huwa kellem xi nies biex jipprova jinfluenza lill-xi ħadd. Hu ried li toħroġ il-verità. Jgħid b'referenza għal okkażjonijiet fejn fl-SMS jirrispondi lill Vince Farrugia li kien se jkellem lill-xi ħadd, dan kien għamlu biex jeħles. Isostni li kien hemm biża minn Sandro Chetcuti, u li Vince Farrugia wara l-inċident kien sar paranoid u r-reazzjoni tiegħu għall dak li kien qed jiġri ma kinitx waħda loġika, peress li Sandro Chetcuti kien heddu li se joqtlu. Isostni ukoll li huwa kull ma għamel hu li gwida lill-dawk il-persuni fi ħdan il-GRTU li ma kellhomx esperjenza ta' Qorti dwar il-proċeduri u kif jimxu l-affarijiet. Philip Fenech jikkonferma li fuq talba tal-Pulizija biex l-istaff li kienu preżenti jmorru l-Għassa tal-Pulizija dakinhar tal-inċident, huma ngabru, tkellmu ukoll, biss ma kienx hemm ħin biex issir xi konfoffa għax isostni li lanqas biss kien hemm ċans.

l-imputat Philip Fenech għażel li jixhed in difeża f'dawn il-proċeduri fit-3 t' Ottubru 2017. Waqt ix-xhieda tiegħu huwa l-ewwel jixhed dwar kif seħħ l-inċident, u din il-parti tax-xhieda diġà ġiet eżaminata aktar il-fuq. Imbagħad in kontroeżami Philip Fenech ikkonferma in-numru tiegħu huwa 99493534, u li il-messaġġi bagħathom hu, li uħud minnhom huma antipatiċi, u li ftit minnhom veritjeri u oħrajn le. Jispeċifika li fejn qed jgħidlu *"yes, yes", "yes leave it to me", "leave it to me",* dan kien jgħidu lill Vince Farrugia biex jikkonslah.

Philip Fenech iċċara li meta kienu sejrin l-għassa dak inhar tal-inċident, it-tfajliet bdew jistaqsu x'se jagħmlu u x' se jiġri, u hu kien qalilhom biex imorru u jgħidu dak li semaw. Jgħid li imbagħad kien hemm ċerta panic meta waslu għall-Qorti, u Fenech kien qalilhom biex jiftakru dak li raw, li għandhom l-istatement, u biex joqogħdu attenti mill-avukati biex ma jitfgħulhomx kliem f' ħalqhom li jbiddel dak li raw.

Huwa jsostni li l-karta bil-verżjoni ta' Silvia Gauci ma ngħatatx lilhom l-għassa imma inġabret mill-GRTU, u innega li hu qalla *"to stick to the original version".*

Dwar it-telefonata lid-direttur tal-ħabs, u l-messaġġi li hemm miegħu, Philip Fenech isostni li Vince Farrugia kien qal li għaddew il-flus, u li Chetcuti ma kienx se jmur il-ħabs u kien qalilhom biex joqgħodu attenti. Isostni li Vince Farrugia kien ġie paranoid ukoll fuqha din. Għaldaqstant peress li kien jaf lil Abraham Zammit, li isibu bħala Brian, ċempillu u staqsih jekk b'xi mod Chetcuti jistax ma jmurx il-ħabs.

Philip Fenech baqa' jsostni li max-xhieda fuq din il-kwistjoni ma kabbariex, u m'għamel xejn ħażin.

Vince Farrugia imbagħad fl-istatement tiegħu tad-29 ta' Mejju 2014 isostni li Sandro Chetcuti kellu l-flus u li ried jirbaħ il-kawża li kellu fil-konfront tiegħu akkost ta' kollox, u allura li għamel hu m'għamlux biex ix-xhieda jixhdu falz imma biex jaċċerta ruħu li l-affarijiet jimxu sew, u x-xhieda ma tiġix manipulati jew intimidata minn Sandro Chetcuti. Il-Qorti tinnota li l-fatt li Vince Farrugia kien qed jibża li Sandro Chetcuti jipprova jimmanipula lix-xhieda, dan jikkonfermah f'wieħed mill-SMSs li bagħat lill-imputat Philip Fenech *"...They'll mess up the witnesses before trial...".*

Biss din il-Qorti sejra tastjeni milli tgħaddi ġudizzju dwar Vince Farrugia. Ovvjament xorta ħadet konjizzjoni ta' dak li kien qiegħed isir anke minn Vince Farrugia, u għal dak kollu li hemm fil-proċess għall dak li jista jitfa dawl fuq dak li setgħu għamlu l-

imputati Paul Abela u Philip Fenech. Jingħad ukoll li l-analiżi ta' din il-Qorti qed isir biss biex jiġi stabbilit jekk kienx hemm tentattiv jew addirittura korruzjoni ta' xhieda, u mhux jekk kienx hemm influwenzi fuq il-media jew persuni oħra li ma xehdux quddiem il-Qorti fil-proċeduri kriminali, u dan kollu fid-dati li bihom qed jiġu akkużati l-imputati, jiġifieri bejn il-11 ta' Marzu u s-26 ta' Ġunju 2010.

Għaldaqstant dak li se tistabbilixxi din il-Qorti, mhux fir-rigward ta' l-imputat Vince Farrugia, għax kif diġà ngħad l-proċess kriminali fil-konfront tiegħu ġie eżawrit bil mewt tiegħu, imma fil-konfront tal-imputati l-oħra – jekk kellhomx il-ħsieb li jassiguraw proċess ġudizzjarju ġust, jew jekk marrux oltre minn hekk sabiex jinfluwenzaw lill din il-Qorti kif diversament presjeduta għal interess dirett jew indirett tagħhom permezz ta' korruzzjoni ta' xhieda, jew it-tentattiv li jagħmlu dan.

Din il-Qorti mill-analiżi tax-xhieda kif jidher hawn fuq fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-tieni imputazzjoni tinnota kif ix-xhieda, jinħassu mbeżżgħin jixhdu dwar il-parti fejn raw lill Sandro Chetcuti jerfa' idejh fuq Vince Farrugia. F'dan l-istadju din il-Qorti ma tistgħax ma ssemmix dak li ħareġ mix-xhieda ta' Peter Portelli fejn Sandro Chetcuti deher javviċina lix-xhud Silvia Gauci u din imbagħad sussegwentement ittellgħet bħala xhud in kontroeżami mid-difiża u biddlet il-verżjoni tagħha. Din il-Qorti waqt ix-xhieda tal-11 ta' Diċembru 2018 semgħet kif Peter Portelli li nzerta kien fl-istess restorant fil-Maritime Hotel fejn Silvia Gauci ġiet avviċinata minn Sandro Chetcuti, u ra dak kollu li ġara u iddeskriva lill Silvia Gauci bħala *"feeling obviously very uncomfortable"* u ħass li hi kienet *"at the wrong end of the conversation"* peress li huwa kien jaf bil-każ li kien għaddej fil-Qorti mill-media. Jgħid li xħin Chetcuti telaq u Silvia għaddiet minn ħdejh dehret *"visibly shaken"* u lanqas felħet tkellmu.

Sussegwentement kif diġà ngħad hawn fuq, Silvia Gauci ssejħet għal kontroeżami fit-12 ta' Novembru 2012. Sostniet li hija kienet ġabet kopja tal-istatement tagħha mingħand xi ħadd mill-GRTU. Tikkonferma li l-pulizija ma kienux tawha kopja. Silvia Gauci tgħid li qabel marru l-għassa biex jagħtu l-verżjoni tagħhom kienu inġabru u tkellmu. Tiftakar li kien hemm Paul Abela, Philip Fenech, Joe Attard u it-tfajliet. Hemmhekk kien ġie diskuss kif kienu ser jitkellmu meta jmorru l-għassa. Silvia Gauci imbagħad tagħmel retraction u tgħid li ma kinitx rat lill-Sandro Chetcuti jagħti lill-Vince Farrugia.

L-abbli avukat tal-parte civile fit-trattazzjoni tiegħu jallega li din ir-retraction saret peress li Silvia Gauci ma kinitx għadha taħdem jew tokkupa xi kariga fil-GRTU, u allura kienet aktar libera biex titkellem. Din il-Qorti diġà esprimiet ruħha fuq din ix-xhud u n-nuqqas ta' kredibilità tagħha. Il-Qorti tqis li x-xhieda tagħha tqajjem ħafna dubbji. Hekk fil-fatt waqt ix-xhieda tagħha qas hi stess ma kienet ċerta dwar kif seħħew l-affarijiet. Tammetti wara mistoqsijiet li sarulha li ma kinitx ċerta dwar min daħal fil-kamra.

Fix-xhieda tagħha fl-isfida kontra l-Kummissarju tal-Pulizija magħmula minn Sandro Chetcuti u deċiża nhar is-17 ta' April 2015, għalkemm tikkonferma li kienu ltaqgħu qabel marru l-għassa tal-Pulizija u kienu ftehmu x'kienu se jgħidu, hija titfixkel fid-dettalji dwar min kien hemm għal dik il-laqgħa. Issostni li kien hemm Paul Abela u t-tfajliet (folio 90) imbagħad aktar tard fix-xhieda tagħha issemmi li kien hemm ukoll it-tifel ta' Vince Farrugia, Dr Jean Karl Farrugia (folio 101, 102). Tgħid ukoll li f'xi ħin kien ingħaqad magħhom Philip Fenech. Fix-xhieda tagħha tat-12 ta Novembru 2012 kienet semmiet li kien hemm Joseph Attard, iżda dakinhar ma kinitx semmiet lill Dr Jean Karl Fenech.

Issa din il-Qorti qieset li kieku kellha tagħti l-benefiċċju tad-dubbju lill-Gauci, din xorta ma ssemmix li l-imputati Paul Abela jew Philip Fenech qalulha biex tixhed il-falz. Meta tagħmel ir-retraction, tgħid li ma riditx tigdeb dak inhar l-għassa u tgħid li l-verżjoni tagħha ġiet moulded fuq dak li semgħet. B' dan il-kliem il-Qorti tifhem li hi semgħet lill xi ħadd mix-xhieda jgħid dak li kien ra, jew rat, u waqt ix-xhieda tagħha tal-24 ta' Marzu 2010 hija għamlet dik il-verżjoni jew partijiet minnha tagħha.

Dwar il-provi mediċi il-Qorti ikkunsidrat li Dr Anthony Samuel bil-ġurament tiegħu ikkonferma li l-imputati qatt ma talbuh jixhed il-falz.

Din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Maġistrat illum Imħallef Dr Edwina Grima fil-kawża Il-Pulizija vs Sandro Chetcuti fit-18 ta' Settembru 2013, dwar il-provi li qed tanalizza din il-Qorti kif presjeduta tgħid *"illi kif diġà ingħad aktar il fuq hemm konflitt sħiħ fil-provi prodotti..." (folio 969)*.

Din il-Qorti għalhekk tirriskontra dubbji dwar dak li tgħid Silvia Gauci meta ltaqgħu qabel marru l-għassa. Dan id-dubju ovvjament għandu jimmilita favur l-imputati. Barra minn hekk, il-Qorti ma jirriżultalhiex li f'dik il-laqgħa l-imputati ikkorrompew jew għamlu attentat sabiex jikkorrompu lill-Gauci jew lill xi xhud ieħor. Lanqas ma

jirriżultaw xi provi oħra fl-atti proċesswali li jwasslu lill-din il-Qorti għal konvinċiment morali sal grad rikjest mil-liġi sabiex issib ħtija fl-imputati għal din l-imputazzjoni.

**Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxielix tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-imputati Paul Abela u Philip Fenech huma ħatja ta' din l-imputazzjoni u konsegwentement din il-Qorti sejra tilliberhom minnha.**

## C. Konklużjoni

Għal dawn il-motivi, filwaqt li tiddikjara l-proċeduri kontra Vince Farrugia detentur tal-karta tal-identità bin-numru 847544M estinti minħabba l-mewt tiegħu, l-Qorti issib lill-imputati **Paul Abela** detentur tal-karta tal-identità bin-numru 94851M, u **Philip Fenech** detentur tal-karta tal-identità bin-numru 353455M mhux ħatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħhom, u minnhom tilliberhom.

**Dr Kevan Azzopardi B.A. LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**---------------------------------TMIEM---------------------------------**